Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1639/2001**

tal-25 ta' Lulju 2001

li jistabbilixxi l-programmi minimi u estiżi tal-Komunità għall-ġbir tad-*data* fis-settur tas-sajd u li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000

(OJ L 222, 17.8.2001, p. 53)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1581/2004 tas-27 ta' Awissu 2004	L 289	6	10.9.2004

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1639/2001

tal-25 ta' Lulju 2001

li jistabbilixxi l-programmi minimi u estiżi tal-Komunità għall-ġbir tad-*data* fis-settur tas-sajd u li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità' Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000, tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi sett ta' liġijiet tal-Komunità għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-*data* tas-sajd meħtieġa biex issir politika komuni tas-sajd ([1]), u partikolarment l-Artikoli 5(1) u 8(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) 7Nru 1543/2000 jistabbilixxi sett ta' liġijiet tal-Komunità għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-*data* meħtieġa biex jeżaminaw is-sitwazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u s-settur tas-sajd. Għal dan il-għan, jistipula li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-*data* tas-sajd skond il-programmi tal-Komunità.

(2) Għalhekk hemm bżonn li jiġi stabbilit programm minimu tal-Komunità li jkopri l-informazzjoni li hija strettament meħtieġa għall-eżamijiet xjentifiċi u li jiġi stabbilit programm estiż tal-Komunità li wkoll jinkludi informazzjoni li probabbli ttejjeb b'mod deċiżiv l-eżamijiet xjentifiċi.

(3) L-informazzjoni meħtieġ għal kull programm tinġabar f'forma ta' moduli ta' eżami li jkopru l-kapaċitajiet tas-sajd u l-isforz tas-sajd, il-qabdiet u, finalment, is-sitwazzjoni ekonomika tas-settur.

(4) Il-programmi ta' l-Istati Membri għall-ġbir tad-*data* għall-eżamijiet xjentifiċi għandhom ikunu kompatibbli mal-ġbir tad-*data* għall-amministrazzjoni ta' aspetti oħra tal-politika komuni tas-sajd u mal-ġbir tad-*data* skond l-obbligi ta' l-Istati Membri lejn il-programm ta' statistika tal-Komunità.

(5) Regoli dwar it-trasmissjoni ta', u aċċess għad-*data*, inkluż dwar il-kunfidenzjalità kif ukoll ir-regoli dwar il-modifiki tekniċi u l-eżenzjonijiet mill-programmi tal-Komunità, għandhom ikunu preskritti. Proċeduri li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza tal-programmi nazzjonali wkoll għndhom ikunu stabbiliti.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Amministrazzjoni għas-Sajd u l-Akwakoltura,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Il-programmi minimu u estiżi tal-Komunità riferuti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000 huma hawnhekk stabbiliti kif preżentati fl-Anness.

Dan ir-Regolament ukoll iniżżel ċerti regoli dettaljati għad-*data* li għandhom jinġabru taħt il-programmi nazzjonali ta' l-Istati Membri.

([1]) ĠU L 176, tal-15.7.2000, p. 1.

▼B

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1. "segment" ifisser grupp ta' bastimenti omoġeni kemm jista' jkun bħala karatteristiċi fisiċi u fl-użu ta' tagħmir tas-sajd li joħroġ minn parti ta' segmenti li jinsabu fir-raba' programm multi-annwali ta' gwida (MAGP IV);

2. "flotta kummerċjali tas-sajd" tfisser bastimenti reġistrati u liċenzati, skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 3690/93 ([1]) jew inkella awtorizzati biex jistadu għall-esplojtazzjoni tas-sajd; informazzjoni li fuqha l-Istati Membri għandhom jipprovdu lir-reġistru tal-bastiment tas-sajd tal-Komunità skond ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2090/98 ([2]);

3. "sajd ta' rikreazzjoni u ta' sport" tfisser l-attivitajiet kollha tas-sajd li ma jsirx għal skopijiet ta' sajd kummerċjali;

4. "*data* primarja" tfisser *data* assoċjata mal-bastimenti individwali, persuni naturali jew legali jew kampjuni individwali;

5. "poter effettiv ta' sajd" tfisser l-istima tal-poter tas-sajd tal-bastimenti mqabbla mal-qabdiet li jsiru minn dawk il-bastimenti;

6. "poter nominali ta' sajd" tfisser l-espressjoni tas-saħħa tas-sajd b'karatteristika fisika (saħħa tal-magna jew tunnellaġġ) jew b'tagħqid ta' dawn il-karatteristiċi;

7. "sforz ta' sajd" tfisser, għal bastiment, il-prodott tal-poter tas-sajd tiegħu u ż-żmien ta' l-attività ta' sajd tiegħu u għal grupp ta' bastrimenti, it-total ta' l-isforzi tas-sajd tal-bastimenti kollha konċernati;

8. "tip ta' teknika" tfisser l-użu ta' tagħmir speċifiku tas-sajd, jew għall-użu ta' tagħmir ta' sajd wieħed jew aktar ġewwa grupp ta' tagħmir;

9. "tagħqid ta' post u żmien" tfisser it-tagħqid ta' perjodu ta' żmien u ta' stratifika ġeografika f'żoni iżgħar;

10. "teħid ta' kampjuni li ma jħalli xejn" tfisser studju ta' popolazzjoni f'sens statistiku rigward parametru, jekk l-individwi kollha li jikkostitwixxu l-imsemmija popolazzjoni huma verament eżaminati;

11. "industrija ta' l-ipproċessar" tfisser l-industrija involuta fil-preparazzjoni u l-priservazzjoni tal-ħut, gandoffli jew molluski kif ukoll fil-preparazzjoni tal-prodotti li fihom il-ħut, il-gandoffli jew il-molluski;

12. "settur ta' l-industrija ta' l-ipproċessar" tfisser parti mill-industrija ta' l-ipproċessar ibbażata fuq it-tip ta' proċessar (friżat, mielaħ/imnixxef, iffumigat, fil-bottijiet, platti preparati, oħrajn) u fuq il-kanali skond il-gruppi ta' l-ispeċi konċernati (speċi tal-qiegħ u tal-fond, Thunnidae, speċi pelaġiċi barra t-Thunnidae, speċi oħra ta' ħut, gandoffli, molluski, bivalvi, molluski oħra, oħrajn);

13. "*data* aggregata" tfisser id-*data* aggregata kif definiti fl-Artikolu 2 (b) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000;

14. "unit funzjonali" tfisser grupp operazzjonali ta' rettangoli ta' statistiċi, li jikkorrospondu għall-medda ta' distribuzzjoni ta' ħażniet bijoloġiċi li huma iżolati ġeografikament jew ġbir ta' ħażniet bijoloġiċi żgħar kif preżentati fl-Appendiċi II;

([1]) ĠU L 341, tal-31.12.1993, p. 93.
([2]) ĠU L 266, ta' l-1.10.1998, p. 27.

▼B

15. “qabdiet” tfisser it-toqol totali ħaj tal-ħut li l-ewwel jinqabad i.e. il-qabdiet mingħajr tnaqqis;

16. “li jittella' l-art” tfisser it-toqol ħaj ekwivalenti ma' dak li jittella' l-art i.e. il-qabda nominali;

17. “imneħħija” tfisser it-toqol totali ħaj tal-ħut żgħir bħala daqs, ma jistax jinbiegħ, jew inkella mhux mixtieq, imneħħi meta jinqabad jew ftit wara.

Artikolu 3

Ħtiġiet għall-programmi nazzjonali

Il-programmi nazzjonali stabbiliti mill-Istati Membri jikkunsidraw il-programmi tal-Komunità ippreżentati fl-Anness jinkludu partikolarment:

(a) il-konnessjonijiet mal-programmi tal-Komunità, li jispeċifikaw l-azzjonijiet ippjanati skond is-sezzjoni u skond riferenza għall-programm;

(b) l-elementi tal-kontijiet analitiċi mqassma skond is-sezzjoni u skond il-programm kif ukoll skond iż-żona ġeografika kif preżentati fl-Appendiċi I, livell 2;

▼M1

(c) fil-każ ta’ teħid ta’ kampjuni, deskrizzjoni dettaljata ta’ l-istrateġiji segwiti u l-istimi statistiċi użati li jagħmluha possibbli li jiġu apprezzati l-livelli ta’ preċiżjoni u r-relazzjoni bejn l-ispiża u l-preċiżjoni tal-parametru stmat; dawn l-istimi għandhom jiġu inklużi fir-rapport finali f’format stabbilit mill-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat l-STECF.

▼B

(d) l-elementi li jagħmluha possibbli li tintwera ko-operazzjoni u tqassim ta' xogħol bejn l-Istati Membri;

▼M1

(e) fil-każ tat-teħid ta’ kampjuni, il-proċeduri ffissati fi ħdan il-programmi nazzjonali għandhom jiżguraw il-ġbir tad-data meħtieġa minn osservaturi maħtura għal dan u li dawn l-osservaturi jiġu aċċettati abbord u jsibu l-kooperazzjoni tal-kaptani tal-bastimenti tas-sajd, skond l-Artikolu 22 (1) (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nº2371/2002 ([1]).

_____

▼B

Artikolu 4

Sottomissjoni tal-programmi nazzjonali

Kull Stat Membru jibgħat lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena l-aktar tard, b'mod elettroniku, il-programm nazzjonali tiegħu riferut fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000.

Artikolu 5

Trasmissjoni ta' *data* lil organizzazzjonijiet internazzjonali

1. *Data* msemmija f'dan ir-Regolament tista' tkun trasmessa mill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti skond ir-regoli speċifiċi u d-disposizzjonijiet regolatorji ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

([1]) ĠU L 358, tal-31.12.2002, p.59

▼B

2. L-Istati Membri javżaw lilll-Kummissjoni bit-trasmissjoni ta' l-informazzjoni riferuta fil-paragrafu 1 u jipprovdu lill-Kummissjoni kopja komputerizzata meta mitluba.

Artikolu 6

Ko-ordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni teżamina l-programmi nazzjonali u tiċċekkja li l-kondizzjonijiet provduti f'dan ir-rigward qed jitħarsu.

Jekk l-eżami mill-Kummissjoni ta' programm nazzjonali juri li l-kondizzjonijiet mhux jitħarsu, il-Kummissjoni minnufih javżaw l-Istat Membru konċernat u tipproponi emendi għal dak il-programm. Wara dan, l-Istat Membru konċernat jista' jibgħat programm nazzjonali rivedut.

2. L-Istati Membri jibagħtu, sal-31 ta' Mejju 2003 l-aktar tard u sa kull 31 ta' Mejju ta' wara s-sena ta' l-applikazzjoni tal-programm 'il quddiem, rapport tekniku ta' l-attività li juri fid-dettal l-istat ta' tlestija ta' l-għanijiet stabbiliti meta tħejjew il-programm minimu u l-programm estiż.

3. Kull Stat Membru jinnomina l-awtorità relevanti nkarigata mill-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, minn issa "l quddiem riferuta bħala" l-korrispondent nazzjonali.

4. Kull Stat Membru jikkomunika sal-31 ta' Mejju 2001 l-aktar tard il-partikolarijiet tal-korrispondent nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

5. Il-korrispondent nazzjonali jinforma lill-Kummissjoni regolarment bl-istat tal-progress tal-programmi nazzjonali.

Artikolu 7

Non-konformità mal-programmi tal-Komunità

Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-obbligi mniżżla fil-moduli tal-programmi tal-Komunità mhumiex rispettati minn Stat Membru u li l-Istat Membru konċernat irċieva assistenza finanzjarja Komunitarja għal dawn il-moduli, tinforma l-Istat Membru konċernat li twettaq stħarriġ amministrattiv.

L-Istat Membru jinforma lill-Kummissjoni bil-progress u bl-iskoperti ta' dan l-istħarriġ u jibgħatilha kopja tar-rapport imħejji wara l-istħarriġ, u jinnotifika l-elementi ewlenin li fuqu huwa bbażat.

Il-Kummissjonii tista' tiddeċiedi li titlob lura kull somma li tħallset għalxejn, bl-imgħax għall-perjodu in kwestjoni.

Artikolu 8

Modifiki tekniċi u eżenzjonijiet

1. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-modifiki ta' l-istħarriġ riferut fl-Anness, taqsima G(1)(iii) fuq il-bażi tal-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku tas-Sajd (minn issa 'l quddiem msejjaħ STECF).

2. Il-Kummissjoni tista', fuq il-parir ta' l-STECF u skond il-proċedura riferuta fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000, tiddeċiedi fuq l-eżezjonijiet mill-obbligi preżentati fl-Anness, taqsimiet H u I.

Artikolu 9

Amministrazzjoni tad-*data* primarja u magħquda

1. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex id-*data* primarja miġbura taħt dan ir-regolament ikunu trattati b'mod kunfidenzali.

▼B

2. Id-*data* primarja tinżamm għaż-żmien li hemm bżonn biex jitwettaq kull inkarigu relevanti u mill-inqas għal ħames snin.

3. Kull Stat Membru jiżgura li d-*data* magħquda tal-programmi tal-Komunità jiddaħħlu f'*databases* komputerizzati aċċessibbli permezz ta' metodi elettroniċi mill-Kummissjoni u mill-korrispondenti nazzjonali skond l-Artikoli 10 u 11.

4. Id-*data* magħquda msemmija fil-paragrafu 3, ma jistgħux jinkludu xi evidenza li tagħmilha possibbli li jkunu identifikati bastimenti, persuni naturali jew legali individwali.

5. L-Istati Membri jiggarantixxu s-sigurtà ta' l-ipproċessar tad-*data* fuq is-sistemi ta' komputer rispettivi tagħhom, partikolarment meta t-trattament jeħtieġ trasmissjoni bin-network.

6. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri tekniċi kollha meħtieġa biex jipproteġu l-informazzjoni kontra xi tħassir aċċidentali jew illeċitu, telf aċċidentali, deterjorazzjoni, distribuzzjoni jew konsultazzjoni mhux awtorizzata u kontra kull forma ta' trattament mhux xieraq.

Artikolu 10

Aċċess għad-*data* mill-Kummissjoni

1. Jekk il-Kummissjoni tixtieq tuża d-*data* magħquda miġbura skond dan ir-Regolament, tispeċifika lill-Istati Membri konċernati d-*data* in kwestjoni.

2. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konsultazzjoni mbegħda tad-*data* in kwestjoni jew id-duplikazzjoni tagħha f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx l-20 ġurnata xogħol.

3. Jekk Stat Membru mhux f'posizzjoni li jaqdi t-talba għall-aċċess magħmula mill-Kummissjoni, għandha minnufih tavża lill-Kummissjoni u tagħti r-raġunijiet.

4. Meta fajl tal-kompjuter ikun imħejji mill-Kummissjoni mid-*data* ta' l-Istati Membri, dan il-fajl ma jistax jinżamm għal aktar minn 20 ġurnata xogħol wara d-data li għaliha kienet mitluba l-informazzjoni u għalhekk irid jinqered ħlief meta ftehim espliċitu bil-kitba jinkiseb mill-Istat Membru konċernat.

Artikolu 11

Aċċess għad-*data* mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw l-aċċess mill-korrispondenti nazzjonali ta' l-Istati Membri l-oħra, għad-*databases* komputerizzati li fihom id-*data* magħquda.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra r-raġunijiet li jiġġustifikaw sospensjoni mill-aċċess għad-*data* koperti b'dan ir-Regolament.

3. Jekk korrispondent nazzjonali jixtieq aċċess għad-*data* miżmuma minn Stat Membru ieħor, jibgħat talba lill-korrispondent nazzjonali responabbli għall-aċċess ta' dawn id-*data*. Dak il-korrispondent nazzjonali jwieġeb għat-talba fi żmien 10 ġranet xogħol wara dik it-talba u jrid jagħti r-raġunijiet għal kull ċaħda.

4. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim jew jiftehmu fuq protokolli ta' IT li għandhom x'jaqsmu ma' aċċess ta' komputer sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għad-*databases*. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien. L-ispejjeż ġenerati bl-aċċess għad-*databases* jitħallsu mill-korrispondent nazzjonali li qed jitlobha.

▼B

Artikolu 12

Kunfidenzalità

Il-membri ta' l-STECF u l-parteċipanti tal-laqgħat li hija torganizza mhux permess li jagħmlu kopja ta' parti jew tad-*data* kollha għall-użu barra l-laqgħa.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tieghu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

KAPITOLU I

KONTENUT U METODOLOĠIJA

A. **Kontenut tal-programmi tal-Komunità**

1. Il-programm minimu tal-Komunità riferut fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000 magħmul mill-moduli li ġejjin:

   (ċ) modulu ta' l-evalwazzjoni tad-dħul: kapaċitajiet tas-sajd u sforz tas-sajd;

   (ċ) modulu ta' l-evalwazzjoni u tat-teħid tal-kampjuni tal-qabdiet u ta' li jittella' l-art;

   (ċ) modulu ta' l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tas-settur.

2. Il-programm estiż tal-Komunità riferut fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000 magħmul mill-moduli riferuti fil-punt 1 kif ukoll l-informazzjoni addizzjonali li hija speċifikata għal kull modulu.

3. Għal kull modulu l-parametri li għandhom ikunu sorveljati, il-livelli ta' disaggregazzjoni u l-livelli ta' preċiżjoni li għandhom jintlaħqu huma speċifikati għall-programm minimu. Għall-programmi estiżi li għalihom livelli ta' preċiżjoni mhumiex iffissati, kul Stat Membru jrid jindika fil-programm nazzjonali tiegħu l-livelli ta' preċiżjoni li qed jimmira għalihom, u għar-relazzjoni ta' nefqa ma' preċiżjoni assoċjata mal-proċeduri ta' stima li se jintużaw.

B. **Livelli ta' preċiżjoni u intensitajiet tat-teħid ta' kampjuni**

1. Fejn mhux possibbli li jkunu definiti miri kwantitattivi għall-programmi ta' teħid ta' kampjuni, la f'termini ta' livelli ta' preċiżjoni, lanqas f'termini ta' daqs ta' kampjuni, stħarriġi li jagħtu idea fis-sens statistiku għandhom ikunu stabbiliti. Dawn l-istħarriġi li jagħtu idea jistmaw l-importanza tal-problema u anki jindirizzaw il-ħtieġ ta' stħarriġi iktar dettaljati iktar il quddiem, u r-relazzjoni tan-nefqa ma' kemm huma effettivi dawn l-istħarriġi iktar dettaljati.

2. Fejn miri kwantitattivi jistħu jkunu definiti, jistgħu jkunu speċifikati jew direttament b'qisien tal-kampjuni jew rati tat-teħid tal-kampjuni, jew bid-definizzjoni tal-livelli ta' preċiżjoni u ta' kunfidenza li trid tintlaħaq.

3. Meta riferenza issir għall-qies ta' kampjuni jew għal rata ta' teħid ta' kampjuni f'popolazzjoni definita f'termini statistiċi, l-istrateġiji tat-teħid ta' kampjuni trid tkun mill-inqas effiċjenti daqs it-teħid sempliċi u għall-arrieda tal-kampjuni. Dwn l-istrateġiji tat-teħid tal-kampjuni jridu jkunu deskritti ġewwa l-programmi korrispondenti nazzjonali.

4. Meta ssir riferenza għall-livell ta' preċiżjoni/kunfidenza, id-distinzjoni li ġejja hija stabbilita:

   (ċ) livell 1: livell li jagħmilha possibbli li jkun stmat parametru bi preċiżjoni ta' 25 % ftit iktar jew ftit inqas għall-livell ta' kunfidenza ta' 95 %;

   (ċ) livell 2: livell li jagħmilha possibbli li jkun stmat parametru bi preċiżjoni ta' 10 % ftit iktar jew ftit inqas għall-livell ta' kunfidenza ta' 95 %;

   (ċ) livell 3: livell li jagħmilha possibbli li jkun stmat parametru bi preċiżjoni ta' 5 % ftit iktar jew ftit inqas għall-livell ta' kunfidenza ta' 95 %.

▼M1

5. Fir-rigward ta' ġbir ta' data ta' stokkijiet soġġett għal pjan ta' rkupru bis-saħħa ta' Regolament tal-Kunsill, il-rekwiżiti tat-teħid ta' kampjuni għall-programm estiż isiru mandatorji skond il-programm minimu għassena li tiġi wara l-adozzjoni tar-Regolament u matul il-perjodu applikabbli għall-pjan ta' rkupru. L-istess għandu japplika fejn l-istokk li hu l-objettiv prinċipali huwa soġġett għal pjan ta' rkupru

▼B

KAPITOLU II

MODULU TA' L-EVALWAZZJONI TAD-DĦUL: KAPAĊITAJIET TA-SAJD U SFORZ TAS-SAJD

Ċ. **Ġbir tal-fatti dwar il-kapaċitajiet tas-sajd**

1. Għall-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru sabiex jistmaw, għal kull settur kif definit iktar tard, in-numru ta' bastimenti mwaħħla miegħu u l-valur medju għal kull bastiment tal-parametri definiti fil-punt (a).

   (a) Parametri:

   il-fatti miġbura jridu jinkludu l-bastimenti kollha tas-sajd koperti mill-programm multi-annwali ta' gwida (MAGP) IV:

   — it-tunnellaġġ (tunnellaġġ mingħajr tnaqqis),

   — is-saħħa massima kontinwa tal-magna verament żviluppata mill-magna ewlenija, wara li titnaqqas ir-rata kif meħtieġ, espressa f'kW kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2930/86 ([1]),

   — iż-żmien tal-bastiment kalkolat fuq il-bażi taż-żmien tal-qafas.

   (b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

   — il-fatti jridu jinġabru b'mod li possibbli li s-setturi definiti fl-Appendiċi III jkunu individwaliżżati,

   — il-fatti jridu jkunu aġġornati kull sena.

   (ċ) Livelli ta' preċiżjoni:

   fatti li joħorġu mir-Regolament (KE) Nru 2090/98 jridu jinġabru b'mod li ma jħallu xejn barra. Għat-tipi l-oħra tal-fatti msemmija fil-punt (1)(a), il-programmi tat-teħid ta' kampjuni jistgħu jitħejjew biex jippermettu stimi li jilħqu l-livell 3 ta' preċiżjoni kif definit fit-taqsima B.

2. Programm estiż

   (a) Il-parametri kumplimentari jinkludu:

   — is-saħħa massima kontinwa tal-magna ewlenija qabel tkun imnaqqsa,

   — is-saħħa massima kollha tal-magna(i) awżiljari użata għall-irfigħ u t-tarjoli tal-bastimenti b'tul totali ta' aktar minn 12-il metru,

   — il-karatteristiċi ta' apparat komuni tas-sajd assoċjat ma' kull teknika tas-sajd, inklużi l-qisien u l-valur assigurat ta' dan l-apparat komuni,

   — in-numru medju għal kull bastiment ta' l-apparat tas-sajd assoċjat mat-tipi varji ta' teknika tas-sajd.

   (b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

   — it-taqsimiet li għandhom ikunu kkunsidrati huma definiti fl-Appendiċi IV,

   — it-tipi ta' teknika tas-sajd li għandhom ikunu kkunsidrati huma wkoll definiti fl-Appendiċi IV,

D. **Ġbir tal-fatti relatati ma' l-isforz tas-sajd**

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej:

   (a) Parametri:

   (i) konsum ta' karburanti ([2]);

   (ii) sforzi tas-sajd skond it-tip ta' teknika: huma jitkejlu bit-total imtaqqal tal-ġranet tas-sajd assoċjati ma' medda u ma' perjodu speċifiku:

([1]) ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1.

([2]) L-informazzjoni hija kkunsidrata bħala parti mill-evalwazzjoni ekonomika miġbura bħala l-Kapitolu IV.

▼B

— kull ġurnata hija mtaqqla b'unit ta' kejl relatat mas-saħħa nominali tas-sajd ta' kull bastiment; dawk il-units huma definiti fl-Appendiċi V,

— ġurnata fuq il-baħar titqies bħala ġurnata kalendarja tas-sajd jekk mill-inqas operazzjoni waħda tas-sajd twettqet minn bastiment tas-sajd f'dik il-ġurnata, jew jekk apparat passiv tas-sajd tħalla l-baħar matul din il-ġurnata,

— kull ġurnata hija attribwita mal-medda fejn saret l-ewwel operazzjoni tas-sajd matul din il-ġurnata. Iżda, għal apparat passiv, jekk ma saret l-ebda operazzjoni mill-bastiment matul il-ġurnata mentri mill-inqas apparat (passiv) wieħed tħalla l-baħar, din il-ġurnata tkun assoċjata mal-medda fejn sar l-aħħar tqegħid ta' l-apparat tas-sajd ta' dak il-vjaġġ tas-sajd;

(iii) sforzi speċifiċi tas-sajd: huma assoċjati ma' ħażniet ta' interess speċjali. Huma definiti bħala sforz skond it-teknika, imma l-uniċi ġranet li għandhom ikunu kkunsidrati huma dawk fejn il-qabdiet li jinżammu abbord tal-ħażniet imsemmija fl-AppendiċI VI jaqbżu l-livelli riferuti f'dak l-Appendiċi.

— għal ħażniet speċifiċi units addizzjonali tal-kejl barra dawk definiti fl-Appendiċi V, jistgħu jintużaw bil-kondizzjoni li jħarsu l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd involuti fl-istima ta' dawn il-ħażniet.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

(i) rigward il-konsum tal-karburanti, fatti espressi bħala volum u nefqa jridu jinġabru b'mod li jkun possibbli tistma l-konsum medju tal-karburanti għal kull bastiment ġewwa kull taqsima kif definit fl-Appendiċi III, fuq bażi ta' kull sena [1];

(ii) għal sforz ta' sajd skond it-teknika, il-fatti jridu jinġabru bit-tipi ta' teknika definiti fl-Appendiċi VIII, fuq bażi ta' kull kwart tas-sena u, skond il-livell 3 tad-disaggregazzjoni ġeografika definita fl-Appendiċi I;

Barra l-isforz totali, il-kontribuzzjoni ta' kull taqsima definita fl-Appendiċi III tkun individwaliżżata (sforz skond it-teknika u skond it-taqsima) [2];

(iii) fil-livell ta' l-isforzi speċifiċi tas-sajd, il-fatti jinġabru bħall-isforzi skond it-teknika: billi jkunu separati t-tipi ta' teknika tas-sajd speċifikati fl-Appendiċi VIII, fuq bażi ta' kull kwart tas-sena, u skond il-livell 3 tad-disaggregazzjoni ġeografika definita fl-Appendiċi I.

(ċ) Livelli ta' preċiżjoni:

il-fatti li jikkorrospondu mad-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 [3] (li jiddefinixxi l-proċeduri speċjali tar-rekordjar ta' l-informazzjoni li tikkonċerna l-ħut li jittella' l-art mill-Istati Membri) jridu jinġabru b'mod li ma jħallu xejn barra. Meta fatti oħra huma meħtieġa, dawn jinġabru skond il-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni li jagħmlu possibbli li jintlaħqu għall-medji stmati skond it-taqsima, il-livell 2 ta' preċiżjoni għall-fatti li jikkonċernaw il-konsum tal-karburanti, il-livell 2 ta' preċiżjoni għall-isforz tas-sajd skond it-teknika, il-livell 1 ta' preċiżjoni għall-isforz speċifiku tas-sajd. Stħarriġ fuq fuq jista' jsir għall-isforz tas-sajd ta' l-apparat passiv.

2. Programm estiż

(a) Parametri kumplimentari:

għall-isforzi skond it-teknika u l-isforzi speċifiċi riferuti fil-punt 1 (a)(ii) u (iii):

---

[1] L-informazzjoni hija kkunsidrata bħala parti mill-evalwazzjoni ekonomika miġbura bħala l-Kapitolu IV.

[2] L-informazzjoni hija kkunsidrata bħala parti mill-evalwazzjoni ekonomika miġbura bħala l-Kapitolu IV.

[3] ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1.

▼B

— units oħra tal-kejl barra dawk definiti fl-Appendiċi V, jistgħu jintużaw bil-kondizzjoni li huma dettaljati u ġustifikati fil-programmi nazzjonali,

— ħażniet u/jew livelli barra dawk definiti fl-Appendiċi VI jistgħu jkunu kunsidrati biex jiddefinixxu sforz speċifiku,

— barra minn hekk, għall-apparat tas-sajd barra n-nases, trappoli u xbieki ta' l-għadajjar, l-isforzi tas-sajd jistgħu jitkejlu skond l-operazzjoni. Fit-tali każijiet, il-units bażiċI jirreferu għall-operazzjonijiet tas-sajd u mhux għall-ġranet tas-sajd. Kull operazzjoni tikkorrospondi mal-kontribuzzjoni ta' l-hekk definit sforz tas-sajd billi timxi mar-regoli definiti fl-Appendiċi IX. Regoli oħra barra dawk indikati f'dak l-Appendiċi setgħu wkoll jintużaw sakemm ikunu deskritti sew u ġustifikati,

— fatti fuq sforz tas-sajd ta' nases, trappoli u xbieki ta' l-għadajjar jistgħu jinġabru bħala numru ta' apparat il-baħar, moltiplikati biż-żmien (numru ta' ġranet ta' kull apparat il-baħar fuq bażi ta' kull sena).

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

(i) fatti dwar il-konsum tal-karburanti jistgħu jinġabru b'mod li jkun possibbli tistma l-konsum medju tal-karburanti għal kull bastiment ġewwa kull taqsima kif definit fl-Appendiċi IV, fuq bażi ta' kull kwart tas-sena;

(ii) rigward l-isforz tas-sajd skond it-teknika u l-isforz speċifiku tas-sajd:

— fatti fuq l-isforz jistgħu jkunu individwaliżżati skond it-tipi ta' teknika tas-sajd riferuti fl-Appendiċi X; tipoloġija aktar dettaljata tista' tintuża sakemm l-utilita hija deskritta u ġustifikata fil-programm nazzjonali,

— fatti ta' l-isforz skond it-taqsima jistgħu jinġabru skond it-taqsimiet definiti fl-Appendiċi IV,

— fatti ta' l-isforz jistgħu jinġabru fuq bażi ta' kull xahar, u jirreferi għal-livell 4 tad-disaggregazzjoi ġeografika ta' Appendiċi I; għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi VII fatti ta' sforz speċifiku jistgħu jinġabru għall-meded tal-fond speċifikat f'dak l-Appendiċi.

KAPITOLU III

MODULU TA' L-EŻAMI TAL-QABDIET U TA' LI JITTELLA' L-ART

E. **Ġbir tal-fatti dwar il-qabdiet u li jittella' l-art**

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej.

(a) Parametri:

— il-ġbir tal-fatti jrid jagħmilha possibbli li jkun eżaminat:

— dak kummerċali li jittella' l-art tal-ħażniet kollha, u

— għall-ħażniet imsemmija fl-Appediċi XII, il-qabdiet kollha, li jittella' l-art u li jitneħħa, u

— qabdiet minn sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp f'ibħra marini għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XI,

— kull Stat Membru jrid jiddeskrivi il-fatturi ta' konverżjoni li uża.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

— għal kull Stat Membru, stima ta' dak kollu kummerċjali li jittella' l-art ikun provdut skond l-ispeċi, li jiddistingwi l-oriġini ġeografika tal-qabdiet skond il-livell 2 tad-disaggregazzjoni ġeografika ta' l-Appendiċi I. Iżda, jekk li jkunu raggruppati bosta speċi hija kkunsidrata aħjar, l-Istat Membri jistgħu jiksbu deroga mill-Kummissjoni, sakemm din tkun kompletament ġustifikata,

▼B

— għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XII, dak kummerċjali li jittella' l-art ikun disaggregat kif indikat f'dak l-Appendiċi,

— li jittella' l-art skond it-toqol u l-valur ta' kull taqsima identifikat fl-Appendiċi III irid ikun individwaliżżat skond l-ispeċi, skond il-kwart tas-sena u, dwar l-oriġini ġeografika tal-qabdiet, fil-livell 2 tad-disaggregazzjoni ġeografika skond l-Appendiċi I ([1]),

— li jitneħħa jkun sorveljat għall-ħażniet ta' l-Appendiċi XII sabiex jistma l-volum medju tal-qabdiet annwali skond it-toqol għall-perjodu tat-tlett snin, skond it-tip ta' teknika definita fl-Appendiċi III, ħlief għall-ħażniet li għalihom l-Appendiċi XII jispeċifika regola oħra ta' disaggregazzjoni,

— stħarriġ ta' fuq fuq, kif definit f'taqsima B, jeħtieġ li jkun implimentat għas-sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp imsemmija fl-Appendiċi XI, wara li jkun kunsidrat il-livell ta' disaggregazzjoni ġewwa l-istess Appendiċi.

(ċ) Livell ta' preċiżjoni:

— l-istima ta' dak kummerċjali li jittella' trid issir fuq il-bażi tal-fatti li ma jħallu xejn barra miġbura taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 ([2]) u fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ([3]) u għall-fatti mhux koperti b'dawn ir-Regolament bit-teħid ta' kampjuni u proċeduri statistiċi, b'tali mod li l-istimi jiksbu livell 3 ta' preċiżjoni għall-ħażniet suġġetti għat-TAC u regolamenti ta' kwota, livell 2 għall-ħażniet mhux suġġetti għat-TACs u l-kwoti mniżżla f'Appediċi XII, u l-livell 1 għall-każijiet l-oħra,

— fatti relatati ma' l-istimi ta' kull sena għat-tneħħija tal-ħażiet imsemmija fl-Appendiċi XII trid twassal għal-livell 1 ta' preċiżjoni. Iżda, jekk l-Istati Membri ma jistgħux jilħqu dan il-livell ta' preċiżjoni jew biss b'infieq eċċessiv, jistgħu jiksbu deroga mill-Kummissjoni biex jitnaqqas il-livell ta' preċiżjoni, il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni jew biex ikun implimentat stħarriġ ta' fuq fuq sakemm din it-talba tkun kompletament dokumentata,

— l-imneħħija relatati ma' ħażniet oħra barra dawk li għalihom l-Appendiċi XII jiddikjara stima ta' kull sena jridu jkunu koperti minn stħarriġ ta' fuq fuq. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-istudji jridu jitwasslu għand il-Kummissjoni sal-31 t'Ottubru 2003 l-aktar tard,

— il-qabdiet minn sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp imsemmi fl-Appendiċi XI jridu jkunu suġġetti għall-istħarriġi ta' fuq fuq. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-istħarriġi jridu jitwasslu għand il-Kummissjoni sal-31 t'Ottubru 2003 l-aktar tard.

(d) Skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri li hemm bżonn biex jiżguraw ir-reġistrazzjoni tal-fatti kollha relevanti skond l-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament.

Barra minn hekk, l-Istati Membri, meta jkun il-każ, jikkoperaw ma' l-Istati Membri l-oħra biex jiksbu fatti komprensivi li jkopru li jittella' l-art mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

2. Programm estiż

(a) Parametri kumplimentari:

— li jittella' l-art mill-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XIII,

— qabdiet minn sajd ta' passatemp u ta' rikreazzjoni għall-ħażniet barra dawk imsemmija fl-Appendiċi XI,

— għas-salamun, il-qabdiet meħuda f'estwarji, għadajjar u xmajjar fil-medda ġeografika tal-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana.

([1]) L-informazzjoni hija kkunsidrata bħala parti mill-evalwazzjoni ekonomika miġbura bħala l-Kapitolu IV.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

▼B

(b) Livell ta' disaggregazzjoni:

— il-fatti dwar dak kummerċjali li jittella' l-art tal-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XII jista' jkun disaggregat skond id-dispożizzjonijiet definiti f'dak l-Appendiċi għall-programm estiż. Stratifiki ġeografiċi kumplimentari, skond il-fond jew kriterji oħra, jistgħu jsiru, sakemm din l-istratifika hija konsistenti mat-taqsima D, punt (2)(b)(ii), it-tielet inċiż, u li l-programm nazzjonali li jikkorrospondi jiġġustifika l-utilita' tiegħu,

— fatti dwar il-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XIII jistgħu jinġabru fuq bażi ta' kull kwart tas-sena, billi jitqassmu l-qabdiet skod it-tipi ta' teknika definiti fl-Appendiċi III, u skond il-meded tal-livell ġeografiku 3 skod l-Appendiċi I. Għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi VII, il-fatti tista' terġa' tinqsam skond il-meded ta' fond definit f'dak l-Appendiċi,

— fatti tal-qabdiet jistgħu jinġabru skond it-taqsima kif definit fl-Appendiċi IV jew fl-Appendiċi X,

— fatti fuq li jitneħħa jistgħu jinġabru taħt il-programm estiż:

— fuq bażi ta' kull kwart tas-sena, bit-tip ta' teknika skond l-Appendiċi III u skond il-livell ġeografiku 3 ta' l-Appediċi I, għall-ħażniet fejn l-Appendiċi XII isemmi eżami ta' kull sena ta' dak li jitneħħa fil-programm minimu,

— fuq bażi ta' kull sena, b'separazzjoni possibbli tat-tipi ta' teknika tas-sajd skond l-Appendiċi III, mingħajr disaggregazzjoni ġeografika, għall-ħażniet fejn l-Appendiċi XII ma teħtieġx stima ta' kull sena ta' li tneħħa fil-programm minimu,

— fuq bażi ta' kull sena, mingħajr ebda disaggregazzjoni oħra għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XIII.

▼M1

F. **Ġbir ta' data li tikkonċerna l-Qabdiet għal kull unità ta' sforz u/jew sforz effettiv ta' flotot kummerċjali speċifiċi**

Is-serje li ġejjin huma meħtieġa:

1. Fil-livell ta' programm minimu, id-data għandu jkollha biss serje ta' data għall-qabdiet u l-isforz għal:

— flotot li ntużaw fi kwalunkwe żmien mill-1995 'il quddiem fl-evalwazzjoni ta' stokk, b'mudelli analitiċi u/jew ta' produzzjoni

— stokkijiet fejn m'hemmx evalwazzjoni ta' stokk u fejn is-serje ta' data CPUE kienu l-uniku mezz biex isiru stimi tax-xejriet fl-abbundanza ta' l-istokkijiet fi kwalunkwe żmien mill-1995 'il quddiem,

— kumpaniji tas-sajd li għalih hemm obbligi lejn Organizzazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd (minn issa 'l quddiem imsejħa RFO)

Id-definizzjonijiet ta' l-istokk għandhom jikkorrispondu ma' dawk definiti mill RFO's, u l-istrateġiji tat-teħid ta' kampjuni għandhom jinkludu, bħala minimu, l-istrati rispettivi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu deskrizzjoni bl-akbar reqqa talmod kif ikun ġie kkalkulat l-indiċi ta' abbundanza ta' kull stokk.

2. Fil-livell ta' programm estiż, serje ta' data ta' qabdiet u sforz għal:

— flotot li għadhom ma ntużawx f'evalwazzjonijiet ta' l-istokk imma fejn evalwazzjonijiet ta' l-istokk mistennija li jsiru fil-futur eż. l-area tal-Mediterran u għar-riżorsi ta' fond il-baħar,

— flotot fejn il-ġbir tad-data beda fis-snin reċenti u sakemm dawn is-serje ta' data jibqgħu jintużaw f'evalwazzjonijiet ta' l-istokk (tali serje ta' data jistgħu jiġu ttrasferiti lejn il-programmi minimi biss jekk jintużaw fil-proċeduri ta' l-evalwazzjoni ta' l-istokk),

— flotot li għalihom jinġabru serje ta' data ta' CPUE imma fejn id-data hija fil-preżent użata biss għal skopijiet bijoloġiċi (kompożizzjoni tat-tulijiet u l-etajiet, data ta' l-ilħuq)

Id-definizzjonijiet ta' l-istokk għandhom jikkorrispondu ma' dawk definiti mill-RFO's, u l-istrateġiji tat-teħid ta' kampjuni għandhom jinkludu, bħala minimu, l-istrati rispettivi.

▼M1

L-Istati Membri għandhom jipprovdu deskrizzjoni bl-akbar reqqa tal-mod kif ikun ġie kkalkulat l-indiċi ta' abbundanza ta' kull stokk.

▼B

G. **Eliġibilita ta' l-istħarriġi ta' l-istimi xjentifiċi tal-*ħażniet***

1. Il-livell tal-programm minimu:

(i) L-istħarriġi kollha msemmija fl-Appendiċi XIV bl-ewwel prijorità, jridu jkunu koperti;

(ii) L-Istati Membri jridu jiggarantixxu fil-programmi nazzjonali tagħhom kontinwita mad-disinnji ta' l-istħarriġi ta' qabel;

(iii) Minkejja l-punti (i) u (ii), l-Istati Membri jistħu jipproponu modifika fl-isforz ta' l-istħarriġ jew fil-mod kif jittieħdu l-kampjuni, sakemm dan ma jaffettwax ħażin il-kwalità tar-riżultati.

2. Fil-livell tal-programmi estiżi l-istħarriġi kollha indikati bi prijorità 2 fl-Appendiċi XIV huma eliġibbli.

H. **Teħid ta' kampjuni bijoloġiċi tal-qabdiet: *komposizzjoni skond iż-żmien* u skond it-tul**

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej.

▼M1

(a) Parametri

teħid ta' kampjuni għal skop bijoloġiku jrid isir biex tkun evalwata l-kompożizzjoni tat-tulijiet u, fejn huwa l-każ, ta' l-etajiet ta' dawk l-istokkijiet kollha mniżżla l-art u speċifikati bħala mandatorji f'Appendiċi XV.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni u preċiżjoni:

i) għal stokkijiet fi pjan ta' rkupru l-Istati Membri għandhom japplikaw strateġija ta' teħid ta' kampjuni li biha jilħqu l-livell ta' preċiżjoni nru 2 fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-tulijiet u, fejn huwa l-każ, ta' l-etajiet tal-ħut imniżżel l-art.

ii) għal stokkijiet oħra l-Istati Membri għandhom japplikaw strateġija ta' teħid ta' kampjuni li biha jilħqu l-livell ta' preċiżjoni nru 1 fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-tulijiet u, fejn huwa l-każ, ta' l-etajiet tal-ħut imniżżel l-art.

Madanakollu, jekk din l-istrateġija ma tistax tiġi applikata, Stati Membri jistgħu japplikaw metodoloġija li għaliha l-livelli ta' disaggregazzjoni meħtieġa huma speċifikati f'Appendiċi XV.

▼B

(ċ) Implimentazzjoni tal-programm ta' teħid ta' kampjuni:

l-Istati Membri li ttella' l-art fit-territorji tagħhom huma responsabbli biex iniedu programmi ta' teħid ta' kampjuni skond il-livelli definiti f'dan l-artikolu. Jekk hemm bżonn, l-Istati Membri jikkoperaw ma' l-awtoritajiet ta' terzi pajjiżi biex jistabbilixxu teħid ta' kampjuni bijoloġiċi ta' dak li jittella' l-art mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dawn it-terza pajjiżi.

Skond ir-Regolament (KEE) Nru 2847/93, kull Stat Membru jieħu l-miżuri li hemm bżonn biex jiżgura l-ġbir tal-fatti kollha dwar l-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom ikun fejn ikun il-post fejn itellgħu l-art.

(d) Eżenzjonijiet dwar ir-regoli tat-teħid ta' kampjuni:

— tulijiet:

(1) il-programm nazzjonali ta' Stat Membru jista' jeskludi l-istima tad-distribuzzjoni tat-tul tal-ħażniet li jittellgħu l-art li għalihom TACs u kwoti kienu definiti bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kwoti relevanti jridu jikkorrospondu għal inqas minn 5 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC jew għal inqas minn 100 tunnellata metrika bħala medja matul it-tlett snin ta' qabel;

▼B

(ii) is-somma tal-kwoti kollha ta' l-Istati Membri li l-allokazzjoni tagħhom hija anqas minn 5 %, jridu jammontaw għal anqas minn 15 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC.

Jekk il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (i) titħares, imma mhux il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (ii), l-Istati Membri relevanti jistgħu jwaqqfu programm ko-ordinat biex jiksbu għal dak kollu li jittella' l-art l-implimentazzjoni ta' l-iskema tat-teħid tal-kampjuni deskritta fl-Appendiċi XV, jew skema oħra tat-teħid ta' kampjuni, li twassal għall-istess preċiżjoni.

Jekk hemm bżonn, il-programm nazzjonali jista' jkun emendat sal-31 ta' Jannar ta' kull sena biex jikkunsidra l-bdil tal-kwoti bejn l-Istati Membri;

(2) għall-ħażniet li għalihom TACs u kwoti ma ġewx definiti u barra l-medda tal-Mediterran, l-istess regoli japplikaw fuq il-bażi tal-medja ta' li jittella' l-art fit-tlett snin ta' qabel u b'riferenza għal dak kollu li jittella' l-art fil-Komunità minn ħażna;

▼M1

(3) għal stokkijiet fl-area tal-Mediterran, l-ammont bl-użin ta' speċi ta' ħut imniżżel l-art minn Stat Mediterranju li hu anqas minn 10% tat-total ta' ħut ta' dik l-ispeċi mniżżel l-art fl-UE, meħud mill-area tal-Mediterran, jew għal anqas minn 200 tunnellata metrika, huwa eżentat. Din id-deroga ma tapplikax għat-tonn.

▼B

— etajiet:

(1) il-programm nazzjonali ta' Stat Membru jista' jeskludi l-istima tad-distribuzzjoni ta' l-etajiet tal-ħażniet li jittellgħu l-art li għalihom TACs u kwoti kienu definiti bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kwoti relevanti jikkorrospondu għal anqas minn 10 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC jew għal anqas minn 200 tunnellata metrika bħala medja matul it-tlett snin ta' qabel;

(ii) is-somma tal-kwoti kollha ta' l-Istati Membri li l-allokazzjoni tagħhom hija anqas minn 10 %, jammontaw għal anqas minn 25 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC.

Jekk il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (i) titħares, imma mhux il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (ii), l-Istati Membri relevanti jistgħu jwaqqfu programm ko-ordinat biex jiksbu għal dak kollu li jittella' l-art l-implimentazzjoni ta' l-iskema tat-teħid tal-kampjuni deskritta fl-Appendiċi XV, jew skema oħra tat-teħid ta' kampjuni, li twassal għall-istess preċiżjoni.

Jekk hemm bżonn, il-programm nazzjonali jista' jkun emendat sal-31 ta' Jannar ta' kull sena biex jikkunsidra l-bdil tal-kwoti bejn l-Istati Membri;

(2) għall-ħażniet li għalihom TACs u kwoti ma ġewx definiti u barra l-medda tal-Mediterran, l-istess regoli japplikaw fuq il-bażi tal-medja ta' li jittella' l-art fit-tlett snin ta' qabel u b'riferenza għal dak kollu li jittella' l-art fil-Komunità minn ħażna;

▼M1

(3) għal stokkijiet fl-area tal-Mediterran, l-ammont bl-użin ta' speċi ta' ħut imniżżel l-art minn Stat Membru Mediterranju li hu anqas minn 10% tat-total ta' ħut ta' dik l-ispeċi mniżżel l-art fl-UE, meħud mill-area tal-Mediterran, jew għal anqas minn 200 tunnellata metrika, huwa eżentat. Din id-deroga ma tapplikax għat-tonn.

▼B

(4) Kull meta possibbli, qari ta' l-etajiet għandu jsir fuq qabdiet kummerċjali. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-Istati

▼B

Membri għandhom jispeċifikawha fil-programm nazzjonali tagħhom.

— Oħrajn:

jekk ko-operazzjoni bejn Stati Membri tiggarantixxi li l-istimi fuq kollox tal-parametri taħt il-punt (a) tilħaq il-livell ta' preċiżjoni meħtieġ, kull Stat Membru ma jinżammx individwalment biex jiggaratixxi li l-fatti tiegħu huma biżżejjed biex jilħqu dan il-livell ta' preċiżjoni.

▼M1

(e) Skart:

L-iskart għandu jkun soġġett għal stima annwali ta' kif huma mqassma t-tulijiet skond it-tip ta' teknika tas-sajd meta:

— id-data ta' l-iskart tintuża fi gruppi ta' ħidma għall-evalwazzjoni ta' l-istokk,

— l-iskart jirrappreżenta aktar minn 10 % tal-qabdiet totali bl-użin, jew inkella aktar minn 20 % tal-qabdiet bil-għadd ta' l-istokkijiet li tagħhom trid tinġabar id-data, kif stipulat f'Appendiċi XII.

L-intensitajiet tat-teħid ta' kampjuni huma dawk definiti f'Appendiċi XV għal ħut minn sajd kummerċjali mniżżel l-art.

Meta jkun hemm skart f'meded ta' tulijiet li m'humiex irrappreżentati fil-ħut imniżżel l-art, il-qari ta' l-etajiet għandu jinġabar skond ir-regoli stipulati f'Appendiċi XV.

Madanakollu, jekk Stati Membri ma jistgħux jilħqu dan il-livell ta' preċiżjoni jew jagħmlu dan biss bi spiża eċċessiva, jistgħu jottjenu deroga mill-Kummissjoni sakemm it-talba tkun dokumentata bis-sħiħ.

▼B

(f) Sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp

Għall-ħażniet speċifikati fl-Appendiċi XI, l-Istati Membri jridu jwaqqfu stħarriġi ta' fuq fuq konsistenti mal-livell ta' disaggregazzjoni definit f'dak l-Appendiċi. Dawn l-istħarriġi jridu jagħmluha possibbli li jistabbilixxu il-livelli ta' preċiżjoni meħtieġa għall-ġejjieni. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-istħarriġi jridu jitwasslu għand il-Kummissjoni sal-31 t'Ottubru 2003 l-aktar tard.

▼M1

2. Programm estiż:

(a) Parametri komplementari:

Teħid ta' kampjuni għal skopijiet bijoloġiċi għandu jsir sabiex jivvaluta l-kompożizzjoni tat-tulijiet u, fejn huwa l-każ, ta' l-etajiet tal-ħut imniżżel l-art għall-istokkijiet kollha speċifikati bħala mhux obbligatorji f'Appendiċi XV.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni u preċiżjoni:

L-Istati Membri għandhom japplikaw strateġija ta' teħid ta' kampjuni li biha jilħqu l-livell nru 1 ta' preċiżjoni għall-kompożizzjoni tat-tulijiet u, fejn huwa l-każ, ta' l-etajiet ta' ħut imniżżel l-art.

Madanakollu, jekk din l-istrateġija ma tistax tiġi applikata, Stati Membri jistgħu japplikaw metodoloġija alternattiva li għaliha l-livelli ta' disaggregazzjoni huma speċifikati f'Appendiċi XV.

(c) Skart

il-programm ta' teħid ta' kampjuni għall-istima tal-kompożizzjoni fuq bażi annwali tat-tulijiet ta' l-iskart fir-rigward ta' stokkijiet speċifikati bħala mhux obbligatorji f'Appendiċi XV.

▼B

I. **Teħid ta' kampjuni bijoloġiċi oħrajn**

(1) Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej.

▼B

(a) Parametri

(i) Il-kurvi tat-tkabbir bit-tul u bit-toqol, ir-relazzjonijiet bejn l-eta'/it-tul u l-maturita', u r-relazzjoni bejn l-eta'/it-tul u l-fertilita' jridu jkunu provduti għall-ħażniet kollha msemmija fl-Appendiċi XVI, inklużi dawk li mhux suġġetti għal stima ta' kull sena tal-komposizzjoni ta' l-eta' tal-qabdiet.

(ii) Programmi ta' teħid ta' kampjuni bijoloġiċi ta' dak li jittella' l-art jridu jkunu implimentati biex jistmaw il-parti tal-ħażniet varji ta' dak li jittella' l-art għal: aringa fi Skagerrak, Kattegat, u lvant tal-Baħar tat-Tramuntana, salamun selvaġġ u mrobbi fil-Baħar Baltiku, l-ispeċI varji tar-raja u l-ħamiem fil-meded IV u VIId.

(iii) L-Istati Membri għandhom iwettqu l-iskema tagħhom tat-teħid tal-kampjuni għar-ratio tas-sess mill-qabdiet kummerċjali tagħhom. Iżda, fil-każijiet fejn dan ix-xogħol huwa impossibli, il-kampjuni li nkisbu minn stħarriġi xjentifiċi jistgħu jintużaw.

(b) Livell ta' disaggregazzjoni

Għall-parametri riferuti fil-punt (a)(i):

— id-definizzjonijiet huma provduti bil-ħażniet skond il-perjodiċita definita fl-Appendiċi XVI. Il-validita tal-fatti eżistenti wżati għall-istimi tal-parametri bijoloġiċi jridu jkunu eżaminati kull tlieta sa sitt snin kif definit fl-Appendiċi XVI. L-Istati Membri jridu jaġġornaw dawn il-parametri jekk hemm bżonn,

— għall-awwista tan-Norveġja (Nephrops), halibut ta' Greenland, gambli tal-fond (Pandalus borealis), barbun, lingwata u marlozz, il-kurvi tat-tkabbir u l-oġivi tal-maturita' huma stabbiliti separatament għall-irġiel u għan-nisa'.

Għall-parametri riferuti fil-punt (a)(ii):

il-fatti għandhom ikunu provduti kull kwart tas-sena u wara t-tipoloġija tat-teknika tas-sajd deskritta fl-Appendiċi IV.

(ċ) Livelli ta' preċiżjoni

(i) Għall-kurvi tat-tkabbir:

— għall-ħażniet li l-etajiet tal-ħut individwali tagħhom jistgħu jinqraw, it-toqol u t-tulijiet medji għal kull eta' jistgħu jkunu stmati għal-livell 3 ta' preċiżjoni, sa eta' li t-total li jittella' l-art għall-etajiet rispettivi jagħmlu mill-inqas 95 % ta' dak nazzjonali li jittella' l-art għall-ħażniet relevanti,

— għall-ħażniet li għalihom il-qari ta' l-etajiet mhux possibbli, iżda li għalihom kurva tat-tkabbir tista' tkun stmata, it-toqol u t-tulijiet medji għal kull eta' jridu jkunu stmati għal-livell 2 ta' preċiżjoni, sa eta' li t-total li jittella' l-art għall-etajiet rispettivi jagħmlu mill-inqas 90 % ta' dak nazzjonali li jittella' l-art, għall-ħażniet relevanti.

(ii) Għall-maturita', fertilita' u ratios tas-sess, tista' ssir għażla bejn ir-riferenza għall-eta' jew it-tul, sakemm l-Istati Membri li se jwettqu t-teħid rispettiv tal-kampjuni bijoloġiċi rispettiv ftehmu li ġej:

— għall-maturita' u l-fertilita', il-livell 3 ta' preċiżjoni jrid jinkiseb fil-medda ta' l-eta' u/jew it-tul, li l-limiti tagħhom jikkorrospondu għal 20 % u 90 % tal-ħut matur,

— għar-ratio tas-sess, il-livell 3 ta' preċiżjoni jrid jinkiseb, sa u b'tant eta' u tul li t-total ta' li jittella' l-art għall-etajiet jew tulijiet rispettivi jammontaw għal mill-anqas 95 % ta' dak nazzjonali li jittella' l-art għal din il-ħażna.

(iii) Ħażniet u komposizzjonijiet ta' l-ispeċi tal-qabdiet riferuti fil-punt (a)(ii) jridu jkunu stmati ma' l-ewwel livell ta' preċiżjoni.

(d) Eżenzjonijiet

(1) Il-programm nazzjonali ta' Stat Membru jista' jeskludi l-istima tal-parametri bijoloġiċi tal-ħażniet li għalihom TACs u kwoti kienu definiti bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(i) il-kwoti relevanti jikkorrospondu għal anqas minn 10 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC jew għal anqas minn 200 tunnellata metrika bħala medja matul it-tlett snin ta' qabel;

(ii) is-somma tal-kwoti kollha ta' l-Istati Membri li l-allokazzjoni tagħhom hija anqas minn 5 %, jammontaw għal anqas minn 20 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC.

Jekk hemm bżonn, il-programm nazzjonali jista' jkun emendat sa l-1 ta' Frar ta' kull sena biex jikkunsidra l-bdil tal-kwoti bejn l-Istati Membri.

(2) Għall-ħażniet li għalihom TACs u kwoti ma ġewx definiti, l-istess regoli japplikaw fuq il-bażi tal-medja ta' li jittella' l-art fit-tlett snin ta' qabel u b'riferenza għal dak kollu li jittella' l-art fil-Komunità.

Jekk ko-operazzjoni bejn Stati Membri tiggarantixxi li l-istimi fuq kollox tal-parametri kollha preżentati fil-punt (a)(i) tilħaq il-livelli ta' preċiżjoni meħtieġa, l-Istat Membru konċernat ma jinżammx individwalment biex jiggaratixxi li l-fatti tiegħu huma biżżejjed biex jilħqu dan il-livell ta' preċiżjoni.

2. Fil-livell tal-programm estiż

Parametri kumplimentari:

— għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XVI, aġġornament kull sena u diskriminazzjoni bis-sess ikunu eliġibbli,

— għall-ħażniet mhux imsemmija fl-Appendiċi XVI, iżda msemmija fl-Appendiċi XV u li għalihom inġabru fatti dwar it-tul, informazzjoni fuq it-tkabbir, il-maturita' u r-ratio tas-sess tkun eliġibbli kull tlett snin,

— il-kurvi tat-tkabbir u tal-maturita' għall-ispeċi msemmija fl-Appendiċi XIII huma eliġibbli, iżda l-aġġornament tal-fatti ma jsirx aktar spiss minn kull tlett snin,

— għall-gruppi ta' l-ispeċi msemmija fl-Appendiċi XII jew XIII, programmi ta' teħid ta' kampjuni tal-qabdiet biex jistabbilixxu l-komposizzjoni ta' l-ispeċi jkunu eliġibbli kull tlett snin.

KAPITOLU IV

MODULU TA' EVALWAZZJONI TAS-SITWAZZJONI EKONOMIKA TAS-SETTUR

J. Ġbir ta' fatti ekonomiċi minn gruppi ta' bastimenti

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej.

(a) Parametri:

— il-fatti jridu jinġabru biex ikopru l-parametri kollha msemmija fl-Appendiċi XVII skond is-segmentazzjoni preżentata fl-Appendiċi III,

— l-investment irid jitkejjel sabiex jistma l-valur kollha ta' l-assi, inkluż il-valur kapitali ta' l-apparat mikri. Il-valuri ta' l-assikurazzjoni jridu jkunu preferuti. Jekk il-ġbir tal-valur ta' l-assikurazzjoni ikun diffiċli wisq, il-valur biex jinbidel il-bastiment jista' jinġabar minfloku. F'każ bħal dan, il-ħtieġa għal din is-sostituzzjoni trid tintwera fil-programm nazzjonali,

— fl-ispejjeż tal-produzzjoni, l-ispiża ta' l-impjiegi trid tkopri kull nfieq mħallsa minn min iħaddem, inkluża l-bolla, l-assigurazzjoni tas-saħħa, pensjonijiet u taxxi relatati oħra.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

— kull parametru huwa stmat għal kull grupp ta' bastimenti kif definit fl-Appendiċi III,

— skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000, fatti dwar prezzijiet jinġabru fuq bażi ta' kull sena, waqt li jiddistingwu għall-flotot li joperaw fil-Mediterran

▼B

il-qabdiet li ġejjin mill-meded ġeografiċi varji msemmija fl-Appendiċi I, livell 3.

(ċ) Livelli ta' preċiżjoni:

għal kull parametru u għal kull settur, l-ewwel livell ta' preċiżjoni jrid jinkiseb.

2. Il-livell tal-programm estiż

(a) Parametri kumplimentari:

il-programm estiż ikopri l-fatti kollha definiti fl-Appendiċi XVIII.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

il-firda tal-gruppi ta' bastimenti riferuta fil-punt (1)(a), l-ewwel inċiż, tista' tittella sal-livell definit fl-Appendiċi IV u dwar id-differenzal reġjonali tal-livell 2 ta' l-Appendiċi I.

K. **Ġbir tal-fatti dwar l-industrija ta' l-ipproċessar**

1. Fil-livell tal-programm minimu

L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġi ta' fuq fuq sabiex jeżaminaw il-valur ta' kull sena għal kull settur tal-parametri mniżżla fl-Appendiċi XIX; dawn l-istħarriġi ta' fuq fuq iridu jipparagunaw ir-relazzjoni ta' l-ispiża ma' l-effiċjenza ta' l-istrateġiji differenti tal-ġbir tal-fatti, inklużi l-iskemi tat-teħid ta' kampjuni. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-istħarriġi jridu jitwasslu għand il-Kummissjoni sal-31 t'Ottubru 2003 l-aktar tard.

2. Il-livell tal-programm estiż

(a) Parametri kumplimentari

Attivitajiet tal-ġbir u ta' l-amministrazzjoni tal-fatti jippermettu li:

(i) tkun apprezzata s-sensittivita kollha tas-settur u/jew tal-kumpaniji li jinsabu fir-reġjuni ta' mal-kosta (nomenklatura tal-units territorjali għal skopijiet statistiċi, NUTS 3) rigward il-qabdiet mill-ħażniet suġġetti għat-TACs u l-kwoti u/jew affettwati b'miżuri oħra konnessi mal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, jew dwar il-qabdiet minn barra l-ibħra tal-Komunità;

(ii) ikun stmat l-impatt, inkluż l-impatt soċjali u dak ekonomiku, fuq l-industrija ta' l-ipproċessar mill-miżuri meħuda għan-nom ta' CFP bħall-miżuri ppjanati mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 ([1]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 ([2]), u l-miżuri speċifiċi addottati għas-settur tas-sajd u ta' l-akwakoltura tar-reġjuni l-aktar maqtugħin għalihom (programm ta' għażliet speċifiċi ta' positijiet maqtugħin għalihom u iżolati, POSEI).

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni

L-analiżi tal-kumpaniji tas-settur jistgħu jikkunsidraw l-istabbiliment ta' dawn il-kumpaniji f'reġjuni varji, fuq il-kosta jew le, fuq il-livell 3 tan-NUTS.

([1]) ĠU L 388, 31.12.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10.

▼B

Lista ta' Appendiċi

Appendiċi I:	Stratifika ġeografika b'organiżżazzjoni reġjonali tas-sajd
Appendiċi II:	Units funzjonali (FU) u rettangoli statistiċi għan-Nephrops norvegicus
Appendiċi III (taqsima Ċ):	Segmentazzjoni bażika tal-bastimenti għall-kapaċitajiet (MP)
Appendiċi IV (taqsima Ċ):	Disaggregazzjoni dettaljata tal-bastimenti għall-kapaċitajiet (EP)
Appendiċi V (taqsima D):	Units tas-saħħa tas-sajd skond it-tip ta' teknika tas-sajd
Appendiċi VI (taqsima D):	Ħażniet li għalihom sforz speċifiku jrid ikun definit (MP)
Appendiċi VII (taqsima D):	Speċi u fond immirati (EP)
Appendiċi VIII (taqsima D):	Tipoloġija intermedjarja għall-informazzjoni dwar l-isforz (MP)
Appendiċi IX (taqsima D):	Definizzjoni ta' l-isforz tas-sajd b'relazzjoni ma' l-operazzjoni tas-sajd (EP)
Appendiċi X (taqsima D):	Tipoloġija dettaljata tal-metodi ta' teknika tas-sajd (EP)
Appendiċi XI (taqsima E):	Lista ta' ħażniet ta' sajd rikreazzjonali (MP)
Appendiċi XII (taqsima E):	Lista tal-ħażniet għas-sorveljanza ta' li jittella' l-art u li jitneħħa (MP)
Appendiċi XIII:	Lista ta' l-ispeċi opzjonali għall-EP
Appendiċi XIV (taqsima G):	Lista ta' stħarriġ (MP, EP)
Appendiċi XV (taqsima H):	Skema ta' teħid ta' kampjuni dwar eta' u tul (MP, EP)
Appendiċi XVI (Taqsima I):	Kampjuni bijoloġiċi oħrajn
Appendiċi XVII (taqsima J):	Informazzjoni ekonomika skond il-partijiet tal-flotta, kif definiti fl-Appendiċi III (MP)
Appendiċi XVIII (taqsima J):	Ħtiġijiet għall-fatti magħrufa għal eżami bażiku ekonomiku għal kull parti mill-flotta (EP)
Appendiċi XIX (taqsima K)	Informazzjoni ekonomika għall-industrija primarja u sekondarja (setturi) (MP)

▼M1

Appendiċi I

Stratifikazzjoni Ġeografika skond l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd

	I.C.E.S.	N.A.F.O	I.C.C.A.T	G.F.C.M.	C.C.A.M.L.R.	I.O.T.C.	Oħrajn
Livell nru 1	Area	Area	Area FAO	Area eż. 37 Mediterran u l-Baħar l-Iswed	Area eż. 48	Area FAO	Area FAO
Livell nru 2	Sub-Area eż. IV Baħar tat-Tramuntana	Sub-Area eż. 21.2 Labrador	Sub-Area FAO	Sub-Area eż.37.1 Tal-Punent	Sub-Area eż. 48.1 Peninsula Antartika	Sub-Area FAO	Sub-Area FAO
Livell nru 3	Diviżjoni eż. IV c	Diviżjoni eż. 21.2 H	Diviżjoni 5° × 5°	Diviżjoni eż. 37. 1.2 Golf ta' Lions	Diviżjoni 5° × 5°	Diviżjoni 5° × 5°	Diviżjoni 5° × 5°
Livell nru 4	Rettangolu 30' × 1°	Rettangolu	Rettangolu 1° × 1°	Sub-Diviżjoni	Rettangolu 1° × 1°	Rettangolu 1° × 1°	Rettangolu 1° × 1°

▼M1

Appendiċi II

Unitajiet Funzjonali (FU) u Rettangoli statistiċi għal Nephrop norvegicus

Nru FU	Isem	area ICES	Rettangoli Statistiċi
3	Skagerrak	IIIa	47G0-G1; 46F9-G1; 45F8-G1;44F7-G0; 43F8-F9
4	Kattegat	IIIa	44G1-G2;42-43G0-G2;41G1-G2
5	Botney Gut - Silver Pit	IVb,ċ	36-37 F1-F4;35F2-F3
6	Farn Deeps	IVb	38-40 E8-E9; 37E9
7	Fladen Ground	IVa	44-49 E9-F1; 45-46E8
8	Firth of Forth	IVb	40-41E7; 41E6
9	Moray Firth	IVa	44-45 E6-E7; 44E8
10	Noup	IVa	47E6
11	Minch tat-Tramuntana	VIa	44-46 E3-E4
12	Minch tan-Nofsinhar	VIa	41-43 E2-E4
13	Clyde	VIa	39-40 E4-E5
14	Baħar ta' l-Irlanda Lvant	VIIa	35-38E6; 38E5
15	Baħar ta' l-Irlanda Punent	VIIa	36E3; 35-37 E4-E5; 38E4
16	Porcupine Bank	VIIċ,k	31-36 D5-D6; 32-35 D7-D8
17	Aran Grounds	VIIb	34-35 D9-E0
18	Irlanda kosta tal-Majjistral	VIIb	37D9-E1; 36D9
19	Irlanda kosta tal-Lbiċ u x-Xlokk Ireland SW and SE coast	VIIg,j	31-33 D9-E0; 31E1; 32E1-E2; 33E2-E3
20	Majjistral ta' Labadie, Baltimore u Galley	VIIg,j	28-30 E1; 28-31 E2; 30-32 E3; 31 E4
21	Jones u Cockburn	VIIg,h,j	
22	Smalls	VIIg	
23	Bajja ta' Biscay Tramuntana	VIIIa	22-24 E6-E7; 23-24E5
24	Bajja ta' Biscay Nofsinhar	VIIIb	20-21 E7-E8;19E8
25	Galicia tat-Tramuntana	VIIIċ	15E0-E1;16E1
26	Galicia tal-Punent	IXa	13-14 E0-E1
27	Portugall Tramuntana(N ta' Cape Espichel)	IXa	6-12E0; 9-12E1
28	Portugall tal-Lbiċ (Alentejo)	IXa	3-5 E0-E1
29	Portugall tan-Nofsinhar (Algarve)	IXa	2E0-E2
30	Golf ta' Cadiz	IXa	2-3 E2-E3
31	Baħar ta' Cantabria	VIIIċ	16E4-E7

▼**M1**

Nru FU	Isem	area ICES	Rettangoli Statistiċi
32	Norwegian Deep	lVa	44-52 F2-F6; 43F5-F7
33	Sikka Off Horn	lVb	39-41E4; 39-41E5

▼M1

Appendiċi III (Sezzjoni C)

Segmentazzjoni bażika ta' bastimenti skond il-Kapaċitajiet (MP)

Tul tal-bastiment		< 12 m	12 - < 24 m	24 - < 40 m	>= 40 m
Tip ta' Teknika tas-Sajd					
Tagħmir Mobbli	Xbiek tat-tkarkir, bit-taranta (*Beam trawl*)	(1)			
	Xbiek tat-tkarkir u tartarun għal tal-Qiegħ				
	Xbiek tat-tkarkir u tartaruni għal tal-Wiċċ				
	Gangmi				
	Polivalenti				
	Oħrajn (iridu jkunu speċifikati)				
Tagħmir Passiv	Tagħmir li juża s-snanar				
	Xbieki mitluqa u Xbieki ankrati				
	Nassi				
	Polivalenti				
	Oħrajn (iridu jkunu speċifikati)				
Tagħmir Polivalenti	Li jikkombina tagħmir mobbli u passiv				
Bastimenti mingħajr liċenzja					

(1) dan is-segment huwa aggregazzjoni tat-tagħmir passiv kollu

Nota nru 1: Jekk kategorija ta' tagħmir ikollha anqas minn 10 bastimenti l-kaxxa tista' tingħaqad ma' kategorija oħra ta' tul biswitha li trid tkun speċifikata fil-Programm Nazzjonali

Nota nru 2: Jekk bastiment iqatta' aktar minn 50% tal-ħin tiegħu juża tip speċifiku ta' teknika ta' sajd, dan għandu jiġi inkluż fis-segment rispettiv

Nota nru 3: It-tul huwa definit bħala Tul totali, *Length Over All* (LOA)

▼M1

Appendiċi IV (Sezzjoni C)

Disaggregazzoni dettaljata ta' bastimenti skond il-Kapaċitajiet (EP)

Tul tal-bastiment			< 10 m	10 - < 12 m	12 - < 18 m	18 - < 24 m	24 - < 40 m	>= 40 m
Tip ta' Teknika tas-Sajd								
Tagħmir mobbli	Xbiek tat-tkarkir, bit-taranta (*Beam trawl*)	Baħar tat-Tramuntana = < 221 kW						
		Baħar tat-Tramuntana > 221 kW						
		Barra l-Baħar tat-Tramuntana						
	Xbiek tat-tkarkir u tartarun għal tal-Qiegħ	Xbiek tat-tkaxkir għal tal-Qiegħ						
		Tartaruni Daniżi u Skoċċiżi						
		Polivalenti						
	Xbiek u tartaruni għal tal-Wiċċ	Xbiek tat-tkarkir għal tal-Wiċċ						
		Tartarun u tartarun *purse* għal tal-Wiċċ						
		Polivalenti						
	Gangmi							
	Tagħmir mobbli Polivalenti							
	Oħrajn (iridu jkunu speċifikati)							
Tagħmir passiv	Tagħmir li juża s-snanar	Konzijiet twal (*long lines*)						
		Tagħmir ieħor li juża s-snanar						
	Xbieki Mitluqa u Xbieki Ankrati							
	Nassi							
	Tagħmir passiv Polivalenti							
	Oħrajn (iridu jkunu speċifikati)							
Tagħmir Polivalenti	Li jikkombina tagħmir mobbli u passiv							
Bastimenti mingħajr liċenzja								

▼**M1**

Appendiċi V (Sezzjoni D)

Kejl tal-Kapaċità tas-Sajd skond it-tip ta' Teknika tas-Sajd

Teknika tas-Sajd	Kejl tal-Kapaċità tas-Sajd
Tagħmir irmunkat	kW u GT
Tagħmir statiku	kW u GT
Bastimenti Polivalenti	kW u GT

▼M1

Appendiċi VI (Sezzjoni D)

Stokkijiet relatati ma' sforz speċifiku

Speċi u area	Limitu 1 [a]	Limitu 2 [b]
Salamun (Baħar Baltiku)	30 %	5 %
Merluzz (arei kollha, Mediterran eskluż)	30 %	5 %
Haddock (arei kollha, Med. eskluż)	30 %	5 %
Saithe (arei kollha, Med. eskluż)	30 %	5 %
Merlangu (arei kollha, Med. eskluż)	30 %	5 %
Barbun (arei kollha, Med. eskluż)	30 %	5 %
Lingwata (arei kollha, Med. eskluż)	10 %	5 %
Lingwata (Mediterran)	30 %	5 %
Nephrops (arei kollha)	30 %	5 %
Marlozz (arei kollha)	30 %	5 %
Inċova (arei kollha)	30 %	5 %
Sardin (arei kollha)	50 %	5 %
Kavall (arei kollha, Med. eskluż)	50 %	10 %
Sawrell (arei kollha, Med. eskluż)	50 %	10 %
Pixxispad (arei kollha)	30 %	5 %
Tonn (arei kollha)	30 %	5 %
Tonn *big-eye* (arei kollha)	30 %	5 %
Alonga (arei kollha)	30 %	5 %
Tonna safra (arei kollha)	30 %	5 %
Aringa (arei kollha, Med. eskluż)	50 %	10 %
Sardina ħadra (arei kollha, Med. eskluż)	50 %	10 %
Ċiċċirell (arei kollha, Med. eskluż)	70 %	
Norway pout (arei kollha, Med. eskluż)	70 %	
Sallur (arei kollha)	30 %	

[a] Ġurnata ta' sajd għandha titqies li tkun ikkonċentrata fuq speċi waħda partikulari, jekk il-persentaġġ ta' din l-ispeċi mill-qabda totali tal-ġurnata huwa ogħla mil-limitu 1.

[b] Ġurnata ta' sajd għandha titqies li taffettwa speċi b'mod sinifikanti, jekk il-persentaġġ ta' l-ispeċi partikulari huwa ogħla mil-limitu 2.

▼B

Appendiċi VII (taqsima D)

Speċi u fond immirati (EP)

Ħażniet	Medda	Livell minimu
Merluzz	NAFO	30 %
Granadieri	Il-meded kollha	30 %
Lingwata ta' Greenland	Il-meded kollha	30 %
Redfish	Il-meded kollha	30 %
Pandalus spp.	Il-meded kollha	30 %
Pagelus bogaraveo	ICES	30 %
Aphanopus carbo	ICES	30 %
Argentina silus	ICES	30 %
Beryx spp.	ICES	30 %
Coryphaenoides rupestris	ICES	30 %
Hoplostethus atlanticus	ICES	30 %
Molva dypterygia	ICES	30 %
Molva molva	ICES	30 %
Meded ta' fond: 0 - 200 m, 201 - 500 m, 501 - 1 000 m, > 1 000 m		

▼B

Appendiċi VIII (taqsima D)

Tipoloġija intermedjarja għall-informazzjoni dwar l-isforz (MP)

Tipi ta' teknika tas-sajd		
Apparat mobbli	Travu tat-tkarkir	Il-Baħar tat-Tramuntana < 221 kW
		Il-Baħar tat-Tramuntana ≥ = 221 kW
		Barra l-Baħar tat-Tramuntana
	Tkarkir tal-qiegħ u tartatun tal-qiegħ	Tkarkir tal-qiegħ
		Tartaruni Daniżi u Skoċċiżi
		Total
	Tkarkir u tartarun pelaġiku	Pelaġiku bit-tkarkir
		Tartarun u borża pelaġiċi
		Total
	Gangmi	
	Total ta' apparat mobbli	
Apparat passiv	Apparat li juża s-snanar	Longlines
		Apparat ieħor li juża s-snanar
	Xbieki li jinġarru u fissi	
	Trappoli u nases	
	Total	
Total ta' kollox		

▼B

Appendiċi IX (taqsima D)

Definizzjoni ta' l-isforz tas-sajd b'relazzjoni ma' l-operazzjoni tas-sajd (EP)

Tip ta' apparat	Varjabbli
Bit-tkarkir	Ħin biex tittella' l-qabda × kW
Tartarun tal-boroż	Numru ta' settijiet
Xbieki	Numru ta' xbieki × tul × ħin il-baħar
Longlines	Numru ta' snanar × ħin il-baħar
Trappoli, nases u xbieki magħluqa	Numri × żmien kull sena l-baħar

▼B

Appendiċi X (taqsima D)

Tipoloġija dettaljata tal-metodi ta' teknika tas-sajd (EP)

I. Apparat mobbli

(a) Travu bit-tkarkir

1. Saħħa tal-magna < 221kW għall-bastimenti li joperaw fil-Baħar tat-Tramuntana

(i) qies tat-tixbik: < 32 mm, 80 - 109 mm, = 110 mm

2. Saħħa tal-magna = 221kW għall-bastimenti li joperaw fil-Baħar tat-Tramuntana

(i) qies tat-tixbik: 80 - 109 mm, =110 mm

3. Travi tat-tkarkir li joperaw barra l-Baħar tat-Tramuntana

(i) qies tat-tixbik: < 32 mm, 80 - 109 mm, = 110 mm

(b) Tkarkir tal-qiegħ u tartatun tal-qiegħ

1. Tkarkir tal-qiegħ

(i) tkarkir singlu, par tkarkir, żewġ tkarkir, tkarkir multirig ieħor, tkarkir b'erba' pannelli, tkarkir li jiftaħ ħafna

(ii) qies tat-tixbik: < 32 mm, 32 - 54 mm, 55 - 69 mm, 70 - 79 mm, 80 - 109 mm, = 110 mm

(iii) (i) u (ii) jistgħu jitgħaqqdu

2. Tartaruni Daniżi

(i) qies tat-tixbik: < 32 mm, 32 - 54 mm, 55 - 69 mm, 70 - 79 mm, 80 - 109 mm, = 110 mm

3. Tartaruni Skoċċiżi

(i) qies tat-tixbik: < 32 mm, 32 - 54 mm, 55 - 69 mm, 70 - 79 mm, 80 - 109 mm, = 110 mm

(ċ) Tkarkir u tartarun pelaġiku

1. Tkarkir Pelaġiku

(i) tkarkir singlu, par tkarkir

(ii) qies tat-tixbik: bit-tkarkir: < 32 mm, 32 - 54 mm, 55 - 69 mm, 70 - 79 mm, 80 - 109 mm, = 110 mm (il-Baħar Atlantiku u tat-Tramuntana); < 32 mm, 32 - 90 mm, 91 - 105 mm, 106 - 119 mm, = 120 mm (il-Baħar Baltiku); 14 - 49 mm, 50 - 99 mm, 100 - 119 mm, = 120 mm (Mediterran)

2. Tartarun u borża pelaġiċi

(i) b'apparat li jaggrega l-ħut (FAD)

(ii) mingħajr FAD

(d) Gangmi

(i) gangmu idrawliku

(ii) Gangmi oħra

II. Apparat passiv

(a) Apparat u linji fissi

1. Xbieki fissi

(i) pariti

(ii) xbieki li jitħabblu fihom

(iii) xbieki tal-garġi

▼B

(iv) subdiviżjoni skond il-qies tat-tixbik, ukoll permess: 10 - 99 mm, 100 - 119 mm, = 120 mm (il-Baħar Atlantiku u tat-Tramuntana); < 105 mm, 105 - 119 mm, = 120 mm (il-baħar Baltiku)

2. Longlines

(i) longlines tal-wiċċ

(ii) longlines tal-qiegħ

(iii) f'nofs il-fond

3. Apparat ieħor li juża s-snanar

(i) qasba bix-xlief

(ii) qasba bix-xlief b'lixka ħajja

(iii) qasba bix-xlief mingħajr lixka ħajja

(b) Xbiek li jinġarr

(i) qisien tat-tixbik għall-Baltiku: = 30 mm, = 150 mm

(ii) qisien tat-tixbik għall-Mediterran: = 150 mm, 151 - 299 mm, = 300 mm

(ċ) Nases u trappoli

(i) nases tal-ħut, inklużi nases ta' xbieki u xbieki magħluqa

(ii) nases tal-krustċej b'subdiviżjoni possibbli skond l-ispeċi mmirat.

▼M1

Appendiċi XI (Sezzjoni E)

Lista ta' stokkijiet għal sajd rikreazzjonali (MP)

1. Salamun (ilmijiet marini fil-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana):

   Ċifri ta' qabdiet miġbura bil-piż u l-għadd skond:

   — L-area geografika kif definita f'Appendiċi 1, livell nru 2.

2. Tonn (arei kollha):

   Ċifri ta' qabdiet miġbura bil-piż u l-għadd skond:

   — Bażi annwali

   — L-area ġeografika kif definita f'Appendiċi 1, livell nru 2

   — Maqsumin bejn qabdiet taħt u qabdiet 'il fuq minn 10 kg.

3. Merluzz fl-arei III, IV, V, VI u VII:

   Ċifri ta' qabdiet miġbura bil-piż u l-għadd skond:

   — L-area geografika kif definita f'Appendiċi 1, livell nru 2.

Ir-riżultati ta' dawn is-servejs għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2007.

▼M1

Appendiċi XII (Sezzjoni E)

Lista ta' stokkijiet għall-monitoraġġ ta' Qabdiet u Skart (MP)

Leġġenda:

Monitoraġġ ta' Qabdiet u Ħut Imniżżel l-Art Fil-programm ta' teħid ta' kampjuni mis-suq jew mill-baħar l-istratifikazzjoni tat-teħid ta' kampjuni tiġi prijoritizzata fil-livell totali jew il-livell ta' flotta, bi skemi ta' teħid ta' kampjuni ta' kull xaħar, tliet xhur jew sena, u d-data tagħhom tingħata skond ir-rettangolu, id-diviżjoni jew l-area.

Stratifikazzjoni tat-teknika ta' sajd:

M	Ta' kull xahar skond it-tip ta' teknika ta' sajd (Appendiċi III)
N	Total ta' kull xahar
Q	Ta' kull tliet xhur skond it-tip ta' teknika ta' sajd (Appendiċi III)
R	Total ta' kull tliet xhur
Y	Ta' kull sena skond it-tip ta' teknika ta' sajd (Appendiċi III)
Z	Totali ta' kull sena
T	Ta' kull tliet snin (wieħed kull sena fuq perjodu ta' tliet snin) skond it-tip ta' teknika (Appendiċi III)

Stratifikazzjoni ġeografika:

0	Unità Funzjonali
1	Rettangolu ICES Stat.
2	Diviżjonijiet ICES/NAFO
3	Sub-arei ICES/NAFO
4	Rettangolu ICCAT 1º
5	Rettangolu ICCAT 5º
6	Diviżjoni FAO
7	Sub Area FAO
8	Area FAO

Rimarki importanti:

(1) Id-definizzjonijiet ta' l-istokkijiet għandhom isegwu dawk definiti mill-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd, u l-istrateġija tat-teħid ta' kampjuni għandhom minn ta' l-anqas jinkludu l-istrati rispettivi.

(2) Id-data li tirrigwarda l-arei li hija sseparata b'virgoli tista' tiġi aggregata, waqt li d-data li tirrigwarda l-arei li hija sseparata b'linji djagonali (/) m'għandhiex tiġi aggregata.

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
ICES AREA I, II					
Sallura (*Glass eel*)	Anguilla anguilla	I, II	Q2	M1	
Sallura (*Yellow eel*)	Anguilla anguilla	I, II	Q2	M1	
Sallura (*Silver eel*)	Anguilla anguilla	I, II	Q2	M1	
Aringa-*Atlanto-Scandian*	Clupea harengus	IIa, V	Q2	M2	Y
Merluzz	Gadus morhua	I,II	Q2	M2	Y
Haddock	Melanogrammus aeglefinus	I,II	Q2	M2	Y
Stokkafixx	Micromesistius poutassou	I-IX, XII, XIV	Q2	M1	T
North shrimp	Pandalus borealis	I,II	Y2	Q2	T
Saithe	Pollachius virens	I,II	Q2	M2	Y
Redfish spp.	Sebastes spp.	I,II	Y3	Q2	T
Sawrella	Trachurus trachurus	IIa, IVa, Vb, VIa, VIIa-c,e-k, VIIIabde	Q2	M1	T
Baħar tat-Tramuntana (Skagerrak) ICES AREA IIIa(tramuntana)					
Ċiċċirella	Ammodytidae	IIIa N	Q2	M1	T
Sallura (*Glass eel*)	Anguilla anguilla	IIIa N	Q2	M1	
Sallura (*Yellow eel*)	Anguilla anguilla	IIIa N	Q2	M1	
Sallura (*Silver eel*)	Anguilla anguilla	IIIa N	Q2	M1	
Aringa	Clupea harengus	IV, VIId, IIIa/22-24, IIIa	Q2	M1	Y
Merluzz	Gadus morhua	IV, VIId, IIIa	Q2	M2	Y
Haddock	Melanogrammus aeglefinus	IV, IIIa	Q2	M1	Y
Marlozz	Merluccius merluccius	IIIa,IV,VI,VII,VIIIab	Q2	M1	Y
Stokkafixx	Micromesistius poutassou	I-IX, XII, XIV	Q2	M1	T
Ksampu	Nephrops norvegicus	Unità funzjonali	Q0	M0	Y
North shrimp	Pandalus borealis.	IIIa, Iva Ivant	R2	Q1	T
Barbun tat-tbajja'	Pleuronectes platessa	IIIa	Q2	M1	Y

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Saithe	Pollachius virens	IV, IIIa, VI	Q2	M1	Y
Kavall	Scomber scombrus	IIIa, IVbc, VIId	Q2	M1	T
Lingwata	Solea solea	IIIa	R2	Q1	Y
Sardina ħadra	Sprattus sprattus	IIIa	Q2	M1	T
Norway pout	Trisopterus esmarki	IV, IIIa	Q2	M1	T
ICES AREA III (Skagerrak eskluż) Baltiku inkluż					
Sallura (*Glass eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Sallura (*Yellow eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Sallura (*Silver eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Aringa	Clupea harengus	22-24/25-29, 32/30/31/Golf ta' Riga	Q2	M1	T
Merluzz	Gadus morhua	IIIa S/22-24, 3d/25-32	Q2	M2	Y
Marlozz	Merluccius merluccius	IIIa,IV,VI,VII,VIIIab	Q2	M1	Y
Stokkafixx	Micromesistius poutassou	I-IX, XII, XIV	Q2	M1	T
Ksampu	Nephrops norvegicus	Unità funzjonali	Q0	M0	Y
Flounder	Platichthys flesus	III a-d	Q2	M1	T
Barbun tat-tbajja'	Pleuronectes platessa	IIIa	Q2	M1	Y
Salamun	Salmo salar	IIIb-d, 22-31/32	R2	Q1	T
Trota	Salmo trutta	IIIb-d	R2	Q2	T
Lingwata ta' Dover	Solea solea	IIIa	R2	Q1	Y
Sardina ħadra	Sprattus sprattus	IIIa S/IIIb-d	Q2	M1	T
Baħar tat-Tramuntana u l-lvant taċ-Channel ICES AREI IV, VIId					
Ċiċċirella	Ammodytidae	IV	Q1	M1	T
Sallura (*Glass eel*)	Anguilla anguilla	IV,VIId	Q2	M1	
Sallura (*Yellow eel*)	Anguilla anguilla	IV,VIId	Q2	M1	
Sallura (*Silver eel*)	Anguilla anguilla	IV,VIId	Q2	M1	
Arġentina	Argentina spp.	IV	Z2	R2	T

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Aringa	Clupea harengus	IV,VIId, IIIa	Q2	M1	Y
Gamblu tar-ramel	Crangon crangon	IV,VIId	Q1	M1	T
Spnotta	Dicentrarchus labrax	IV, VIId	Y3	Q3	T
Merluzz	Gadus morhua	IV, VIId, IIIa	Q2	M1	Y
Lingwata ta' l-għajnejn	Lepidorhombus boscii	IV, VIId	Y2	Q2	T
Megrim	Lepidorhombus whiffiagonis	IV, VIId	Y2	Q2	T
Petriċa Żgħira	Lophius budegassa	IV,VIId	Y2	Q2	T
Petriċa Kbira	Lophius piscatorius	IV,VI	Y2	Q2	T
Haddock	Melanogrammus aeglefinus	IV, IIIa	Q2	M1	Y
Merlangu	Merlangius merlangus	IV, VIId	Q2	M1	Y
Marlozz	Merluccius merluccius	IIIa,IV,VI,VII,VIIIab	Q2	M2	Y
Stokkafixx	Micromesistius poutassou	I-IX, XII, XIV	Q2	M1	T
Lemon sole	Microstomus kitt	IV,VIId	Z2	R2	T
Trilja tal-ħama	Mullus barbatus	IV, VIId	Z2	Q2	T
Trilja tal-faxxi	Mullus surmuletus	IV, VIId	Z2	Q2	T
Ksampu	Nephrops norvegicus	Unità funzjonali	Q0	M0	Y
Ġamblu tat-tramuntana	Pandalus borealis	IIIa, IVa lvant/IVa	R2	Q1	T
Barbun tat-tbajja'	Pleuronectes platessa	IV/VIId	Q2	M1	Y
Saithe	Pollachius virens	IV, IIIa, VI	Q2	M1	Y
Barbun Imperjali	Psetta maxima	IV, VIId	Q2	M1	T
Raja tal-fosos	Raja clavata	IV, VIId	Z2	R2	T
Raja tal-kwiekeb	Raja radiata	IV, VIId	Z2	R2	T
Raja tal-kukù	Raja naevus	IV, VIId	Z2	R2	T
Raja tat-tikek	Raja montagui	IV, VIId	Z2	R2	T
Raja oħrajn	Rajidae	IV, VIId	Z2	R2	T

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Kavall	Scomber scombrus	IIIa, IVbc, VIId	Q2	M1	T
Barbun lixx	Scopthalmus rhombus	IV, VIId	Q2	M1	T
Lingwata	Solea solea	IV/VIId	Q2	M1	Y
Sardina ħadra	Sprattus sprattus	IV	Q1	M1	T
Sawrella	Trachurus spp.	IIa, IVa, Vb, VIa, VIIa-c,e-k, VIIIabde/IIIa,IVbc, VIId	Z2	R2	T
Norway pout	Trisopterus esmarki	IV	Q1	M1	Y
Grigal ta' l-Atlantiku u l-punent taċ-Channel ICES V, VI, VII (d eskluża), VIII, IX, X, XII, XIV					
Sallura (*Glass eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Sallura (*Yellow eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Sallura (*Silver eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Fjamma	Aphanopus spp.	IXa, X	Q2	Q3	T
Arġentina	Argentina spp.	l-arei kollha	Z2	R2	T
Alfonsinos	Beryx spp.	X	R2	Q2	T
Granċ Jittiekel	Cancer pagurus	l-arei kollha	Z2	Y2	T
Żagħrun	Centrophorus granulosus	l-arei kollha	Y2	M4	T
Leafscale gulper shark	Centrophorus squamosus	l-arei kollha	Y2	M4	T
Portuguese dogfish	Centroscymnus coelolepis	l-arei kollha	Y2	M4	T
Aringa	Clupea harengus	VIa/VIa N/VIaS, VIIbc/VIIa/VIIj	Q2	M1	Y
Gringu tal-qawwi	Conger conger	X	R2	Q2	T
Roundnose grenadier	Coryphaenoides rupestris	l-arei kollha	Y2	Q2	T
Spnotta	Dicentrarchus labrax	l-arei kollha, IX eskluża	Y2	Q2	T
Inċova	Engraulis encrasicolus	VIII	Q2	M1	T
Inċova	Engraulis encrasicolus	IXa (Cadiz biss)	Q2	M2	T
Merluzz	Gadus morhua	Vb, VI, XII, XIV	Y2	Q2	Y

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Merluzz	Gadus morhua	Va/Vb/VIa/VIb/VIIa/VIIb-k/VIII	Q2	M2	T
Ċippullazza ta' l-għajn	Helicolenus dactylopterus	IXa, X	Q2	M2	T
Iljunfant tal-baħar	Homarus gammarus	l-arei kollha	Z2	Y2	T
Orange roughy	Hoplostethus atlanticus	l-arei kollha	Z2	Y2	T
Ċippullazza ta' l-għajn	Lepidorhombus boscii	VIIIc, IXa	Q2	M2	T
Megrim	Lepidorhombus whiffiagonis	VI/VII, VIIIabd	Q2	M2	Y
Megrim	Lepidorhombus whiffiagonis	VIIIc, IXa	Q2	M2	T
Klamar	Loligo vulgaris	VIIIc, IXa	Y2	Q2	T
Petriċa Żgħira	Lophius budegassa	IV, VI/VIIe-k, VIIIabd/VIIIc,IXa	Q2	M2	T
Petriċa Kbira	Lophius piscatorius	IV, VI/VIIb-k, VIIIabd/VIIIc, IXa	Q2	M2	T
Haddock	Melanogrammus aeglefinus	Va/Vb, VI, XII, XIV	Y2	Q2	Y
Haddock	Melanogrammus aeglefinus	VIa/VIb/VIIa/VII b-k	Q2	M2	Y
Merlangu	Merlangius merlangus	Vb/VIa/VIb/VIIa/VIIe-k	Q2	M2	Y
Merlangu	Merlangius merlangus	VIII/IX, X	Y2	Q2	T
Marlozz	Merluccius merluccius	IIIa,IV,VI,VII,VIIIab/VIIIc, IXa	Q2	M2	Y
Stokkafixx	Micromesistius poutassou	I-IX,XII,XIV	Q2	M1	T
Linarda	Molva dypterygia	X	R2	Q2	T
Molva	Molva molva	l-arei kollha	Y2	Q2	T
Trilja tal-faxxi	Mullus surmuletus	l-arei kollha	Z2	Y2	T
Ksampu	Nephrops norvegicus	Unità funzjonali	Q0	M0	Y
Qarnita	Octopus vulgaris	VIIIc, IXa	Y2	Q2	T
Gamblu abjad	Parapenaeus longirostris	IXa	Y2	Q2	T

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Lipp tal-qawwi	Phycis phycis	X	Q2	M2	T
Barbun tat-tbajja'	Pleuronectes platessa	VIIa/VIIe/VIIfg	Q2	M2	Y
Saithe	Pollachius virens	Va/Vb/IV, IIIa, VI	Q2	M2	T
Saithe	Pollachius virens	VII, VIII, IX, X	Y2	Q2	T
Wreckfish	Polyprion americanus	X	Y2	Q2	T
Raja batra	Raja brachyura	l-arei kollha	Y2	Q2	T
Raja tal-fosos	Raja clavata	l-arei kollha	Y2	Q2	T
Raja tat-tikek	Raja montagui	l-arei kollha	Y2	Q2	T
Raja tal-kukù	Raja naevus	l-arei kollha	Y2	Q2	T
Raja oħrajn	Rajidae	l-arei kollha	Y2	Q2	T
Greenland halibut	Reinhardtius hippoglossoides	V,VI, XII,XIV	Y2	Q2	T
Sardina	Sardina pilchardus	VIIIabd/VIIIc, IXa	Q2	M1	T
Kavall ta' l-għajn	Scomber japonicus	VIII, IX	Y2	R2	T
Kavall	Scomber scombrus	II,IIIa,IV,V,VI,VII,VIII,IX/VIIIc, IXa	Q2	M1	T
Redfishes	Sebastes spp.	V, VI, XII,XIV	Q2	M2	T
Siċċa	Sepia officinalis	VIIIc, IXa	Y2	Q2	T
Lingwata	Solea solea	VIIa/VIIe/VIIfg/VIIIab	Q2	M2	T
Lingwata	Solea solea	VIIbc/VIIhk/IXa	Y2	Q2	T
Seabreams	Sparidae	VIIIc, IXa, X	Y2	Q2	T
Sawrella kaħla	Trachurus picturatus	X	Q2	M2	T
Sawrella	Trachurus trachurus	IIa, IVa, Vb, VIa, VIIa-c,e-k, VIIIabde/VIIIc, IXa/X	Q2	M1	T
Pouting	Trisopterus luscus	VIIIc, IXa	Y2	Q2	T
		Mediterran			
Sallura (*Glass eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Sallura (*Yellow eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	
Sallura (*Silver eel*)	Anguilla anguilla	l-arei kollha	Q2	M1	

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Giant Red shrimp	Aristeomorpha foliacea	1.3, 2.2,3.1	Q6	M6	T
Red shrimp	Aristeus antennatus	1.1, 1.3, 2.2,3.1	Q6	M6	T
Vopa	Boops boops	1.3, 2.1, 2.2, 3.1	Y6	Q6	T
Lampuka	Coryphaena hippurus	l-arei kollha	Y6	Q6	
Lampuka	Coryphaena equiselis	l-arei kollha	Z6	R6	
Spnotta	Dicentrarchus labrax	1, 2	Y6	Q6	T
Horned Octopus	Eledone cirrosa	l-arei kollha	Y6	Q6	T
Qarnita tal-misk	Eledone moschata	l-arei kollha	Y6	Q6	T
Inċova	Engraulis encrasicolus	l-arei kollha	Q6	M6	T
Gallina Griża	Eutrigla gurnardus	1.3,2.2,3.1	Y6	Q6	T
Squid	Illex spp., Todarodes spp.	1.3, 2.1, 2.2, 3.1	Q6	M6	T
Billfishes	Istiophoridae	l-arei kollha	Q5	Q4	T
Klamar	Loligo vulgaris	1.3,2.2,3.1	Y6	Q6	T
Petriċa Żgħira	Lophius budegassa	1.1,1.3,2.2,3.1	Q6	M6	T
Petriċa Kbira	Lophius piscatorius	1.1,1.3,2.2,3.1	Q6	M6	T
Marlozz	Merluccius merluccius	l-arei kollha	Q6	M6	T
Mulett	Mugilidae	1.3, 2.1, 2.2, 3.1	Q6	M6	T
Trilja tal-ħama	Mullus barbatus	l-arei kollha	Q6	M6	T
Trilja tal-faxxi	Mullus surmuletus	l-arei kollha	Q6	M6	T
Ksampu	Nephrops norvegicus	1.3,2.1,2.2,3.1	Q6	M6	T
Qarnita	Octopus vulgaris	l-arei kollha	Q6	M6	T
Paġella	Pagellus erythrinus	1.1,1.2,2.1,2.2,3.1	Y6	Q6	T
Gamblu abjad	Parapenaeus longirostris	1.1, 1.3,2.2,3.1	Q6	M6	T
Caramote prawn	Penaeus kerathurus	3.1	Y6	Q6	T
Raja tal-fosos	Raja clavata	1.3,2.1,2.2,3.1	Y6	Q6	T

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Raja lixxa	Raja miraletus	1.3,2.1,2.2,3.1	Y6	Q6	T
Plamtu	Sarda sarda	l-arei kollha	Q5	Q4	T
Sardina	Sardina pilchardus	l-arei kollha	Q6	M6	T
Kavall	Scomber spp.	1.3,2.2,3.1	Y6	Q6	Tbħal
Għamla ta' klieb il-baħar	Shark-like Selachii	l-arei kollha	Q5	Q4	T
Siċċa	Sepia officinalis	1.3,2.1,3.1	Q6	M6	T
Lingwata	Solea vulgaris	1.2,2.1,3.1	Y6	Q6	T
Awrata	Sparus aurata	1.2,3.1	Y6	Q6	T
Arżnella	Spicara spp.	1.3, 2.1, 2.2, 3.1	Y6	Q6	T
Mantis shrimp	Squilla mantis	1.3, 2.1, 2.2	Q6	M6	T
Alonga	Thunnus alalunga	l-arei kollha	Q5	Q4	T
Tonna	Thunnus thynnus	l-arei kollha	Q5	Q4	T
Sawrella għajnejha kbar	Trachurus mediterra-neus	1.1,1.3,3.1	Y6	Q6	T
Sawrella	Trachurus trachurus	1.1,1.3,3.1	Y6	Q6	T
Gallinetta	Trigla lucerna	1.3,2.2,3.1	Y6	Q6	T
Gambli tal-Qoxra	Veneridae	2.1, 2.2	Q6	M6	T
Pixxispad	Xiphias gladius	l-arei kollha	Q5	Q4	T
Arei NAFO					
Merluzz	Gadus morhua	2J3KL	Y2	Q2	Y
Merluzz	Gadus morhua	3M	Y2	Q2	Y
Merluzz	Gadus morhua	3NO	Y2	Q2	Y
Merluzz	Gadus morhua	3Ps	Y2	Q2	T
Merluzz	Gadus morhua	SA 1	Y2	Q2	Y
Witch flounder	Glyptocephalus cynoglossus	3NO	Y2	Q2	T
Barbun	Hippoglossoides platessoides	3LNO	Y2	Q2	T
Barbun	Hippoglossoides platessoides	3M	Y2	Q2	T

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Yellowtail flounder	Limanda ferruginea	3LNO	Y2	Q2	T
Grenadiers	Macrouridae	SA 2 + 3	Y2	Q2	T
Pandalus Shrimps	Pandalus spp.	3M	Q2	M2	Y
Raj	Raja spp.	SA 3	Y2	Q2	T
Greenland halibut	Reinhardtius hippoglossoides	3KLMNO	Y2	Q2	Y
Greenland halibut	Reinhardtius hippoglossoides	SA 1	Y2	Q2	T
Redfishes	Sebastes spp.	3M	Y2	Q2	Y
Redfishes	Sebastes spp.	3LN	Y2	Q2	Y
Redfishes	Sebastes spp.	3O	Y2	Q2	Y
Redfishes	Sebastes spp.	SA 1	Y2	Q2	Y
Speċi Migratorji Ħafna, Oċean Atlantiku, Indjan, u Paċifiku					
Tumbrell	Auxis spp.		Y	M4	Y
Kubrita	Euthynnus alleteratus		Y	M4	Y
Billfishes	Istiophoridae		Y	M4	Y
Puxxitodu	Isurus oxyrinchus		Y	M4	T
Skipjack tuna	Katsuwonus pelamis		M5	M4	T
Pixxiplamtu	Lamna nasus		Y	M4	T
Ħuta kaħla	Prionace glauca		Y	M4	T
Plamtu	Sarda sarda		Y	M4	Y
Klieb il-baħar	Squalidae		Y	M4	Y
Alonga	Thunnus alalunga		M5	M4	T
Tonna safra	Thunnus albacares		M5	M4	Y
Bigeye tuna	Thunnus obesus		M5	M4	Y
Tonna	Thunnus thynnus		M5	M4	T
Pixxispad	Xiphias gladius		M5	M4	T
CECAF FAO 34					
Black scabbardfish	Aphanopus carbo	Madejra	Q2	M2	T

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni		Skart
			MP	EP	MP
Marlozz	Merluccius spp.	Atl. CE	Q6	M6	T
Qarnita	Octopus vulgaris	Atl. CE	Q4	M4	T
Deepwater Rose Shrimp	Parapeneus longirostris	Atl. CE	Q2	M2	T
Southern Pink Shrimp	Penaeus notialis	Atl. CE	Q3	M3	T
Sardina	Sardina pilchardus	Atl. CE	Q5	M5	T
Kavall	Scomber japonicus	Madejra	Q2	M2	T
Sawrell	Trachurus spp.	Madejra	Q2	M2	T
WECAF					
Red snapper	Lutjanus purpureus	Guyana franċiża ZEE	Y6	Q7	T
Penaeus shrimp	Penaeus subtilis	Guyana franċiża ZEE	M6	M7	T

▼M1

Appendiċi XIII

Lista ta' speċi mhux obbligatorji għall-EP

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni
AREA ICES I, II			
Greenland Halibut	Reinhardtius hippoglossoides	I,II	Y3
Baħar tat-Tramuntana (Skagerrak) AREA ICES IIIa(tramuntana)			
Barbun	Limanda limanda	IIIa N	R2
Merlangu	Merlangius merlangus	IIIa N	R2
Klieb il-baħar	Squalidae	IIIa N	Z3
AREA ICES III (Skagerrak eskluż) Baltiku inkluż			
Whitefish	Coregonus lavaretus	IIId	R2
Lizz	Esox lucius	IIId	R2
Barbun	Limanda limanda	IIIa S, IIIb-d	R2
Haddock	Melanogrammus aeglefinus	IIIa S	R2
Merlangu	Merlangius merlangus	IIIa S	R2
Perch	Perca fluviatilis	IIId	R2
Barbun tat-tbajja'	Pleuronectes platessa	III b-d	R2
Saithe	Pollachius virens	IIIa S	R2
Barbun Imperjali	Psetta maxima	IIIb-d	R2
Pike-perch	Stizostedion lucioperca	IIId	R2
Baħar tat-Tramuntana u l-lvant taċ-Channel AREA ICES IV, VIId			
Catfishes	Anarhichas spp.	IV	Z3
Tusk	Brosme brosme	IV, IIIa	Z3
Witch flounder	Glyptocephalus cynoglossus	IV	Z3
Ċippullazza ta' l-għajn	Helicolenus dactylopterus	IV	Z3
Barbun	Limanda limanda	IV, VIId	Z2
Roughhead Grenadier	Macrourus berglax	IV, IIIa	Z3
Linarda	Molva dypterygia	IV, IIIa	Z3
Molva	Molva molva	IV, IIIa	Z3
Common scallop	Pecten maximus	VII d	Z2

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni
Lipp tal-qawwi	Phycis phycis	IV	Z3
Greenland Halibut	Reinhardtius hippoglos-soides	IV	Z3
Salamun	Salmo salar	IV	Z0
Redfishes	Sebastes spp.	IV	Z3
Klieb il-baħar tal-fond	Shark-like Selachii	IV	Z3
Klieb il-baħar miż-żgħar	Shark-like Selachii	IV, VIId	Z3
Mazzola griża	Squalus acanthias	IV, VIId	Z3
Grigal ta' l-Atlantiku u l-punent taċ-Channel, ICES V,VI,VII (d eskluża),VIII,IX,X,XII,XIV			
Scabbardfishes	Aphanopus spp.	l-arei kollha ħlief IXa, X	Z2
Gurbell Rar	Argyrosoma regius	l-arei kollha	Z2
Alfonsinos	Beryx spp.	l-arei kollha, X eskluża	Z2
Whelks	Busycon spp.	l-arei kollha	Y2
Gringu tal-qawwi	Conger conger	l-arei kollha, X eskluża	Y2
Spnotta	Dicentrarchus labrax	IX	Y2
Witch	Glyptocephalus cynoglossus	VI, VII	Y2
Ċippullazza ta' l-għajn	Helicolenus dactylopterus	l-arei kollha, ħlief IXa, X	Z2
Klamar	Loligo vulgaris	l-arei kollha, eskluži VIIIc, IXa	Y2
Capelin	Mallotus villosus	XIV	Y2
Lingwata tar-rigi	Microchirus variegatus	l-arei kollha	Y2
Lemon sole	Microstomus kitt	l-arei kollha	Z2
Linarda	Molva dypterygia	l-arei kollha, X eskluża	Y2
Qarnita	Octopus vulgaris	l-arei kollha, eskluži VIIIc, IXa	Z2
Pandalid shrimps	Pandalus spp.	l-arei kollha	Z2
Lipp tal-qawwi	Phycis phycis	l-arei kollha, X eskluża	Z2
Barbun tat-tbajja'	Pleuronectes platessa	VIIbc/VIIhk/VIII, IX, X	Y2
Pollakkju	Pollachius pollachius	l-arei kollha	Y2
Salamun	Salmo salar	l-arei kollha	Z0
Siċċa	Sepia officinalis	l-arei kollha, eskluži VIIIc, IXa	Z2

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni
Razor clams	Solen spp.	l-arei kollha	Z2
Seabreams	Sparidae	l-arei kollha,eskluži VIIIc, IXa, X	Z2
Mazzola griża	Squalus acanthias	l-arei kollha	Y2
Sawrella għajnejha kbar	Trachurus mediterraneus	VIIIc,IXa	Y2
Pouting	Trisopterus spp.	l-arei kollha, eskluži VIIIc, IXa	Z2
Speċi oħrajn tal-fond	Other Deepwater species	l-arei kollha	Z2
Mediterran			
Stokkafixx	Micromesistius poutassou	1.1,3.1	Y6
Arei NAFO			
Pandalus Shrimps	Pandalus spp.	3LN	Y2
CECAF FAO 34			
Inċova	Engraulis encrasicolus		Y7
Xabla	Lepidopus caudatus	Mawritanja	Y7
Klamar	Loligo vulgaris	Atl.CE.	Y7
Plamtu	Sarda sarda	Mawritanja	Q7
Laċċa tal-faxx	Sardinalla aurita	Mawritanja,Atl CE	Y7
Laċċa tal-ġewnaħ iswed	Sardinalla maderensis	Mawritanja,Atl CE	Y7
Chub Mackerel	Scomber japonicus	Mawritanja	Y7
Siċċa	Sepia hierredda	Atl. CE.	Y7
Ħut imġewnaħ	Sparidae, Serranidae, Haemulidae	Atl. CE.	Y7
Sawrella	Trachurus trachurus	Mawritanja	Y7
Sawrella Cunene	Trachurus trecae	Mawritanja	Y7
Scabbardfishes	Trichiuridae		Y7
CCAMLR FAO 58			
Antartic icefish	Champsoccephalus gunnari	Kerguelen	Y6
Antartic toothfish	Dissostichus eleginoides	Kerguelen	Y6
Grenadiers	Macrouridae	Kerguelen, Crozet	Y6
Grey rockcod	Notothenia squamifrons	Kerguelen	Y6

▼M1

Speċi		Area/Stokk	Strati ta' Teħid ta' Kampjuni
Raj	Raja spp.	Kerguelen, Crozet	Y6
Lbiċ ta' l-Atlantiku FAO 41			
Antartic toothfish	Dissostichus eleginoides.	Arġentina/Renju Unit	Y7
Cusk-eel	Genypterus blacodes.	Arġentina/Renju Unit	Y7
Short-finned squid	Illex argentinus	Arġentina/Renju Unit	Q7
Patagonian squid	Loligo gahi	Arġentina/Renju Unit	Q7
Grenadiers	Macrourus spp.	Arġentina/Renju Unit	Y7
Patagonian grenadier	Macruronus magellanicus.	Arġentina/Renju Unit	Y7
Southern hake	Merluccius australis	Arġentina/Renju Unit	Y7
Argentinean hake	Merluccius hubbsi	Arġentina/Renju Unit	Q7
Southern blue-whiting	Micromesistius australis.	Arġentina/Renju Unit	Y7
Patagonian rockcods	Notothenia spp., Patagonotothen spp.	Arġentina/Renju Unit	Y7
Red cod	Salilota australis	Arġentina/Renju Unit	Y7
Angola FAO 47			
Red striped Shrimp	Aristeus varidens	Angola	Q7
Deepwater rose Shrimp	Parapenaeus longirostris.	Angola	Q7
Penaeid shrimps	Penaeus spp	Angola	Q7

▼M1

Appendiċi XIV (Sezzjoni G)

Lista ta' servejs (MP, EP)

Isem tas-Servej	Area	Perjodu	Objettivi prinċipali (Speċi eċċ.)	Sforz tas-Servej		Prijorità
				ġranet	refgħat	
ICES AREA III inkluż il-Baltiku						
BITS l-ewwel u r-raba' Kwart tas-sena	IIIaS, IIIb-d	l-ewwel u r-raba' Kwart tas sena	Merluzz u speċi oħra tal-fond	129-157	510	1
IBTS l-ewwel u t-tielet Kwart tas-sena	IIIa	l-ewwel u t-tielet Kwart tas-sena	*Haddock*, Merluzz, *Saithe*, Aringa, Sardina ħadra, Merlangu, Kavall, *Norway pout*.	22-26	95	1
Servej Akustiku ta' l-Aringi	IIIa u IIIb-d	It-tielet u r-raba Kwart tas-sena	Aringa, Sardina ħadra	60-74	180	1
Servej Akustiku tas-Sardin Aħdar	IIIc-d	It-tieni Kwart tas-sena	Sardina ħadra	32-39	85	1
Servej tal-larvi ta' l-Aringa	IIIc	It-tieni Kwart tas-sena	Larvi ta' l-Aringa	54-66	400	2
Servej tal-*German Flatfish*	IIIc	It-tielet Kwart tas-sena	Flounder	24-30	20	2
BAĦAR TAT-TRAMUNTANA u L-LVANT TAĊ-CHANNEL u Area II						
IBTS l-ewwel Kwart tas-sena	IV,IIIa	l-ewwel Kwart tas-sena	*Haddock*, Merluzz, Saithe, Aringa, Sardina ħadra, Merlangu, Kavall, *Norway pout*.	117-143	360	1
Servej Atlan/Skand. ta' l-Aringi	IIa	Mejju	Aringa, Stokkafixx	27-33	90+*track*	1
IBTS it-tielet Kwart tas-sena	IV,IIIa	it-tielet Kwart tas-sena	*Haddock*, Merluzz, *Saithe*, Aringa, Sardina ħadra, Merlangu, Kavall, *Norway pout*.	117-143	360	1
NS Servej Akustiku ta' l-Aringi	IV,IIIa	Lulju	Aringa, Sardina ħadra	68-83	150 +*track*	1
BTS	IVb,IVc, VIId	it-tielet Kwart tas-sena	Barbun tat-tbajja', Lingwata	50-62	280	1
Net Survey tal-Lingwata	IVb,IVc	it-tielet Kwart tas-sena	Lingwata, Barbun tat-tbajja'	14-17	60	1
Servej tal-ħut tal-qiegħ għadu żgħir	Kosti ta' NS	it-tielet u r-raba' Kwart tas-sena	Barbun tat-tbajja', lingwata, *brown shrimp*	117-143	1 000	1
Servej tal-larvi ta' l-Aringi	IV,VIId	l-ewwel u r-raba' Kwart tas-sena	Aringi, Larvi tas-Sardina ħadra	37-45	390	2

▼M1

Isem tas-Servej	Area	Perjodu	Objettivi prinċipali (Speċi eċċ.)	Sforz tas-Servej		Prijorità
				ġranet	refgħat	
Servej tal-*Greenland halibut*	IIb slopes	Ottubru mill-1997	Greenland halibut	27-33	120 minn 300-750 m fond ta' ilma	2
TV servej tan-*Nephrops*	IVa,IVb	l-ewwel u r-raba' Kwart tas-sena	Nephrops	17-21	90	2
Servej taċ-Channel Ground Fish	VIId	ir-raba' Kwart tas-sena	merlangu, merluzz, *pout*, barbun, żumbrell għadma, tannuta, trilja bla faxxi	27-33	100	2
Servej tal-Merluzz Ġermaniż	German Bight	l-ewwel u r-raba' Kwart tas-sena	Merluzz, merlangu, barbun tat-tbajja' u barbun	14-18	70	2
Servej tal-bajd tal-Kavalli	IV	Mejju sa Lulju (triennali)	Kavalli: produzzjoni ta' bajd	14	130	1
AREA TAL-GRIGAL TA' L-ATLANTIKU u L-PUNENT TAĊ-CHANNEL						
IBTS tal-Punent ir-raba' Kwart tas-sena	VIa, VII, VIII, IXa	Ottubru-Novembru	Servej tal-*Groundfish* (*Gadoids* + Pelaġiċi) indiċi ta' abbundanza	149-182	580	1
ISBCBTS	VIIa f g	Settembru	Lingwata, Barbun tat-tbajja'	22-26	120	1
Servej tal-bajd tal-Kavalli/Sawrell	VIa, VII, VIII, IXa	Jannar-Lulju (Triennali)	Kavalli,Sawrell produzzjoni ta' bajd	252-308	1 750 Plankton/ 50 *Bottom trawls*	1
Servej Akustiku ta' l-Aringi waqt li/ qabel ma jbidu	VIa, VIIa,g	Lulju, Settembru, Novembru, Marzu, Jannar	Aringa, Sardina ħadra	126-154	*Track* Akustiku	1
Servej Akustiku tas-Sardin, Inċova u Sawrell	VIII + IX	Marzu/April/Mejju	Sardin, Inċova, Kavall, Sawrell indiċi ta' abbundanza	77-95	140	1
BIOMAN	VIII	Mejju	SSB (DEP) Inċova	18-22	600/20 refgħat tal-wiċċ	1
Servej tar-*Redfish*	Baħar Irminger	Ġunju (kull sentejn)	*Redfish*:Abundanza u etajiet	24-30	20	1
Sardin DEPM	VIIIc, IXa	Rebbiegħa (VIII) Xitwa (IX) tri-annwali	Sardina SSB u l-użu tas-CUFES għat-titjb ta' l-estimi	108-132	1 200	1
WCBTS	VIIe	Ottubru	Lingwata, Barbun tat-tbajja', Petriċa Kbira, *Lemon sole*	7-9	55	1
Servej ta' l-istokkafixx	VI, VII	Marzu-April	Stokkafixx	40	80	1

▼M1

Isem tas-Servej	Area	Perjodu	Objettivi prinċipali (Speċi eċċ.)	Sforz tas-Servej		Prijorità
				ġranet	refgħat	
